Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2026/2041(INI)

15.6.2026

EMENDI
309 - 576

Abbozz ta' rapport
Maria Walsh
(PE788.831v01-00)

dwar it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura
(2026/2041(INI))

Emenda 309
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iwissi li l-agrikoltura tirrikjedi investimenti bil-quddiem għoljin; jirrimarka li l-bdiewa żgħażagħ spiss ma jkollhomx storja ta' tfaddil, kollateral jew kreditu, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament;	12. Iwissi li l-agrikoltura tirrikjedi investimenti bil-quddiem għoljin***, b'mod partikolari għall-akkwist ta' art, tagħmir, infrastruttura u teknoloġija***; jirrimarka li l-bdiewa żgħażagħ spiss ma jkollhomx storja ta' tfaddil, kollateral ***suffiċjenti*** jew ***storja ta'*** kreditu ***stabbilit***, u dan jillimita ***b'mod sinifikanti*** l-aċċess tagħhom għall-finanzjament; ***jissottolinja l-htieġa, għalhekk, li jiġu żviluppati strumenti finanzjarji speċifiċi bħal garanziji tal-gvern, linji ta' kreditu sussidjati, arranġamenti ta' kondiviżjoni tar-riskju u termini ta' finanzjament imfassla apposta għaċ-ċikli ta' produzzjoni agrikola sabiex jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul, jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali u l-azjendi agrikoli jsiru aktar vijabbli ekonomikament;***

Or. pt

Emenda 310
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iwissi li l-agrikoltura tirrikjedi investimenti bil-quddiem għoljin; jirrimarka li l-bdiewa żgħażagħ spiss ma ***jkollhomx*** storja ta' tfaddil, kollateral jew kreditu, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament;	12. Iwissi li l-agrikoltura tirrikjedi investimenti bil-quddiem għoljin; jirrimarka li l-bdiewa żgħażagħ spiss ***ikollhom aktar attitudnijiet pożittivi lejn l-agrikoltura etika u sostenibbli, iżda*** ma ***jkollhom ebda*** storja ta' tfaddil, kollateral jew kreditu, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament;

Or. en

Emenda 311
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iwissi li l-agrikoltura tirrikjedi investimenti bil-quddiem għoljin; jirrimarka li l-bdiewa żgħażagħ spiss ma jkollhomx storja ta' tfaddil, kollateral jew kreditu, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament;	12. Iwissi li l-agrikoltura tirrikjedi investimenti bil-quddiem għoljin; jirrimarka li l-bdiewa żgħażagħ spiss ma jkollhomx storja ta' tfaddil, kollateral jew kreditu, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament; ***għal din ir-raġuni, għandhom jinstabu soluzzjonijiet biex jgħinu lill-bdiewa żgħażagħ jaċċessaw il-finanzjament;***

Or. ro

Emenda 312
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iwissi li l-agrikoltura tirrikjedi investimenti bil-quddiem għoljin; jirrimarka li l-bdiewa żgħażagħ spiss ma jkollhomx storja ta' tfaddil, kollateral jew kreditu, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament;	12. Iwissi li l-agrikoltura tirrikjedi investimenti bil-quddiem għoljin; jirrimarka li l-bdiewa żgħażagħ spiss ma jkollhomx storja ta' tfaddil, kollateral jew kreditu, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament***, b'aktar minn 50 % tal-applikazzjonijiet tagħhom għal self jiġu rriffjutati meta mqabbla ma' 32 % għall-bdiewa akbar fl-età***;

Or. en

Emenda 313
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li sistemi ta' tassazzjoni kumplessi jistgħu jiskoraġġixxu lill-bdiewa żgħażagħ milli jidħlu u jibqgħu fis-settur agrikolu u jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki ta' tassazzjoni li jiżguraw il-vijabbiltà tal-biedja filwaqt li jippreżervaw sistema fiskali ġusta u li tevita l-evażjoni;

Or. en

Emenda 314
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' qafas ta' valutazzjoni tar-riskju finanzjarju modernizzat għall-agrikoltura, li jirrifletti l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur u jnaqqas l-ostakli għall-finanzjament għall-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 315
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' qafas ta' valutazzjoni tar-riskju finanzjarju modernizzat għall-agrikoltura, li jirrifletti l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur u jnaqqas l-ostakli għall-finanzjament għall-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 316
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu x-xiri ta' tagħmir agrikolu użat fl-ambitu ta' skemi għall-bdiewa żgħażagħ, meta jkun xieraq u soġġett għal standards ċari ta' kwalità, sikurezza u ambjentali; jisħaq li dan iżid il-kapaċità tal-akkwist tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda, b'mod partikolari f'azjendi żgħar u finanzjarjament ristretti;

Or. en

Emenda 317
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li l-aċċess limitat għall-finanzi jaffettwa b'mod partikolari lill-bdiewa żgħażagħ li jieħdu f'idejhom l-azjendi agrikoli tal-familja jew iwaqqfu

azjendi agrikoli żodda u jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw mekkaniżmi nazzjonali ta' garanzija u appoġġ imfassla apposta għan-natura tas-settur agrikolu, biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal investimenti ta' kreditu u produttivi;

Or. ro

Emenda 318
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappella għal qafas aktar b'saħħtu u aktar effettiv biex jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista agroalimentari; jissottolinja li remunerazzjoni ġusta, introjtu prevedibbli għall-azjendi agrikoli, u pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha għall-bdiewa huma prerekwiżiti biex iż-żgħażagħ jiġu mħeġġa jidħlu u jibqgħu fis-settur;

Or. en

Emenda 319
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti żodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta ***u sensittivi għall-ġeneru*** għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti żodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta'

finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx ***u l-kreditu*** fit-tul;	finanzjament ***immirati***, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx ***jew il-kreditu*** fit-tul; ***jinnota madankollu bi tħassib li l-aċċess għall-kreditu għandu t-tendenza li jiffavorixxi strateġiji intensivi fil-kapital li jistgħu jwasslu għal dejn eċċessiv, jikkontribwixxu għall-konċentrazzjoni tal-art u fl-aħħar mill-aħħar iġiegħlu lill-azjendi agrikoli iżgħar joħorġu mis-suq, u b'hekk jimminaw id-diversità u r-reżiljenza tas-settur agrikolu li t-tiġdid ġenerazzjonali għandu jipproteġi; jisħaq għalhekk li l-aċċess faċli għall-kreditu ma għandux iseħħ akkost li l-bdiewa żgħażagħ jinqabdu f'pożizzjoni ta' dejn insostenibbli;***

Or. en

Emenda 320
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jespandu*** l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni***,*** lill-Istati Membri ***u lill-Bank Ewropew tal-Investiment jespandu*** l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji ***pubbliċi***, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx***,*** il-kreditu fit-tul***, il-perjodi moratorji u l-garanziji li jimminimizzaw jew jeliminaw ir-rekwiżit għal kollateral reali addizzjonali matul il-fażi inizjali tal-attività***;

Or. es

Emenda 321
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, ***l-eżenzjonijiet u l-inċentivi tat-taxxa,*** is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;

Or. en

Emenda 322
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul; ***jenfasizza li tali strumenti għandhom jipprovdu kundizzjonijiet ta' finanzjament adattati għaċ-ċikli speċifiċi ta' investiment tal-agrikoltura u l-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażagħ, inkluż permezz ta' rati tal-imgħax preferenzjali, flessibbiltajiet ta' ħlas lura u perjodi ta' grazzja, meta jkun meħtieġ; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji privati biex***

itejbu l-fehim u r-rikonoxximent ta' mudelli tal-biedja diversi u innovattivi u jtejbu l-aċċess tagħhom għall-finanzi;

Or. en

Emenda 323
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul; ***jenfasizza li tali strumenti għandhom jipprovdu kundizzjonijiet ta' finanzjament adattati għaċ-ċikli speċifiċi ta' investiment tal-agrikoltura u l-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażagħ, inkluż permezz ta' rati tal-imgħax preferenzjali, flessibbiltajiet ta' ħlas lura u perjodi ta' grazzja, meta jkun meħtieġ;***

Or. en

Emenda 324
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu

l-għodod ta’ finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b’imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;	l-għodod ta’ finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b’imgħax baxx u l-kreditu fit-tul; ***b’aċċess simplifikat għal azjendi fuq skala żgħira u frammentati, għażliet ta’ prefinanzjament, u rekwiżiti kollaterali mnaqqsa għall-bdiewa żgħażagħ li jinvestu fil-kapaċità ta’ modernizzazzjoni, irrigazzjoni, ħżin, ipproċessar u kummerċjalizzazzjoni;***

Or. en

Emenda 325
Arash Saeidi, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta’ finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b’imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta’ finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b’imgħax baxx u l-kreditu fit-tul***, inkluż għall-akkwist tal-art***; ***jisħaq li dawn l-istrumenti għandhom jippromwovu wkoll kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti, inklużi l-aċċess għall-kura tas-saħħa, il-protezzjoni ambjentali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;***

Or. en

Emenda 326
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul***, jinsisti madankollu li dawn l-għodod irid isirilhom test tal-istress kontra l-fluttwazzjonijiet tas-suq biex jiġi żgurat li l-bdiewa żgħażagħ ma jiġux imħeġġa jidħlu għal dejn mhux sostenibbli***;

Or. en

Emenda 327
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul;	13. Jappella għal strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-bdiewa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-għodod ta' finanzjament, inklużi l-finanzjament imħallat, il-garanziji, il-fondi rotanti, is-self b'imgħax baxx u l-kreditu fit-tul; ***jenfasizza li dawn l-istrumenti għandhom joffru kundizzjonijiet aktar vantaġġużi għall-impenn b'risq id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni fil-produzzjoni agrikola;***

Or. es

Emenda 328
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu u jsaħħu l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ fil-PAK 2028-2034; jitlob li dan il-pagament supplimentari jitqassam fuq 5 snin, jiġi diżakkoppjat minn ettari, limiti massimi jew digressività eliġibbli, u jkun aċċessibbli għal kull bidwi żagħżugħ, inkluż fi strutturi korporattivi ta' installazzjonijiet konġunti;

Or. en

Emenda 329
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet finanzjarji inklużi l-banek promozzjonali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu nazzjonali, tiżviluppa strumenti finanzjarji alternattivi aktar adattati għal mudelli ta' azjendi agrikoli fuq skala iżgħar u agroekoloġiċi, inklużi l-finanzjament ta' solidarjetà, skemi ta' kreditu kooperattiv u mekkaniżmi ta' kapital paċenzjuż; jistieden b'mod parallel lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw servizzi ta' appoġġ għall-medjazzjoni u għat-twissija bikrija tad-dejn biex jakkumpanjaw lill-bdiewa f'diffikultà finanzjarja;

Or. en

Emenda 330
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess effettiv u ffaċilitat għall-istrumenti finanzjarji biex jappoġġjaw l-istabbiliment, l-investiment u l-iżvilupp tal-impriżi agrikoli bħala parti minn interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ u t-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. it

Emenda 331
Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja l-ħtieġa li l-prodotti finanzjarji jitfasslu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażagħ, inklużi termini twal adegwati u kundizzjonijiet stabbli, biex jinħoloq ambjent sigur ta' finanzjament u investiment li min-naħa tiegħu jagħti s-setgħa lill-bdiewa żgħażagħ jadattaw u jinnovaw iżda jippermettilhom ukoll jirrealizzaw il-benefiċċji spiss fit-tul tal-investimenti tagħhom pereżempju fir-rigward tal-infrastruttura tal-azjendi agrikoli, l-ottimizzazzjoni tal-proċess jew l-awtomatizzazzjoni;

Or. en

Emenda 332
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jitlob li l-istrumenti finanzjarji mmirati lejn bdiewa żgħażagħ iqisu d-diffikultajiet speċifiċi tal-bdiewa nisa żgħażagħ biex jaċċessaw kreditu, garanziji u investiment inizjali, filwaqt li jiffavorixxu linji ta' finanzjament adattati, garanziji pubbliċi, pariri finanzjarji u appoġġ għal proġetti mmexxija min-nisa fis-setturi agrikoli, tal-bhejjem, kooperattivi u tal-ipproċessar agroalimentari;

Or. es

Emenda 333
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw trattament fiskali favorevoli għall-bdiewa żgħażagħ u jevitaw li jimponu taxxi jew imposti fuq sussidji mogħtija lill-bdiewa żgħażagħ taħt il-PAK, kif ukoll fuq forom oħra ta' finanzjament u appoġġ maħsuba għall-istabbiliment, l-investimenti u t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, sabiex l-impatt ta' dawn l-istrumenti jkompli jkun ta' benefiċċju shih għall-bdiewa;

Or. ro

Emenda 334
Christine Singer, Asger Christensen, Charles Goerens, Barry Cowen, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jappella għal appoġġ għall-investiment għall-bdiewa żgħażagħ biex tingħata attenzjoni partikolari lill-azjendi tal-bhejjem, lis-sistemi ta' alloġġ moderni u li ma jagħmlux ħsara lill-annimali, lill-ġestjoni tad-demel u lill-infrastruttura tal-azjendi agrikoli reżiljenti għat-tibdil fil-klima, sabiex il-bdiewa żgħażagħ ikunu jistgħu jinvestu fil-produzzjoni tal-bhejjem orjentata lejn il-futur filwaqt li jżommu l-vijabbiltà ekonomika;

Or. en

Emenda 335
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jinvestigaw il-possibbiltà li l-bdiewa żgħażagħ jew parteċipanti ġodda jingranaw kapital estern biex jiffinanzjaw l-installazzjoni tagħhom, filwaqt li jiżguraw li dawn il-bdiewa jibqgħu dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet rigward l-għażliet operazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 336
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw aktar l-investimenti kollettivi, b'mod partikolari fil-mekkanizzazzjoni kondiviża, l-infrastruttura tal-ipproċessar, il-ħżin u l-kummerċjalizzazzjoni, sabiex jitnaqqsu l-kostijiet tal-installazzjoni, tittejjeb il-kompetittività tal-azjendi agrikoli u titrawwem id-dinamika territorjali;

Or. en

Emenda 337
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-introduzzjoni ta' ħelsien immirat mit-taxxa fuq l-introjtu għall-parteċipanti ġodda fil-biedja u għall-ħaddiema agrikoli tas-sengħa, inklużi skemi temporanji mmudellati fuq miżuri ta' attrazzjoni tat-talent li ntużaw u rnexxew f'setturi strateġiċi oħra;

Or. en

Emenda 338
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jappella għal aktar kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment sabiex jiġu żviluppati u msaħħa l-istrumenti finanzjarji mmirati speċifikament lejn il-bdiewa żgħażagħ, bl-għan li jiġu ffaċilitati l-istabbiliment, l-investiment u l-iżvilupp tal-impriża agrikola tagħhom; jissottolinja, b'mod partikolari, l-importanza ta' skemi ta' garanzija pubblika u mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-riskju bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jittejjeb l-aċċess għall-kreditu u jitnaqqsu l-ostakli finanzjarji għad-dħul fis-settur agrikolu;

Or. it

Emenda 339
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jissottolinja l-importanza li jiġu stabbiliti skemi ta' finanzjament iddedikati li jqisu l-ispeċifiċitajiet ekonomiċi tas-settur agrikolu u ż-żmien meħtieġ biex tinkiseb il-vijabbiltà ta' azjendi ġodda, inklużi, fejn xieraq, kundizzjonijiet iffaċilitati bħal perjodu minimu ta' grazzja ta' 4 snin għal self maħsub għal bdiewa żgħażagħ;

Or. it

Emenda 340
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jappella għal rieżami tar-regoli ta' eliġibbiltà tal-medja tal-introjtu biex jiġi żgurat li l-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda jkunu jistgħu jaċċessaw il-miżura fi stadju aktar bikri tal-karrieri tagħhom fil-biedja;

Or. en

Emenda 341
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, is-suq u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ;	14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, mas-suq u mal-mard***, inklużi l-iskarsezza tal-ilma, in-nixfiet, l-eventi ta' temp estrem, id-degradazzjoni tal-ħamrija u l-kriżijiet tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti,*** u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ***, filwaqt li jappoġġjaw l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u r-reżiljenza tal-azjendi fit-tul***;

Or. en

Emenda 342
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, is-suq u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ;	14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, is-suq u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju***, il-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima u t-tħejjija għall-kriżijiet*** u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ; ***jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki u jallinjaw aħjar l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, biex jirriflettu aħjar il-kundizzjonijiet klimatiċi reġjonali li qed jevolvu;***
	Or. en

Emenda 343
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, ***is-suq*** u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ;	14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, ***l-instabbiltà tas-suq*** u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ***, iżda wkoll jadottaw għodod aktar reattivi u effiċjenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet permezz ta' interventi pubbliċi fis-suq, kif ukoll inċentivi speċifiċi għal prattiki agrikoli li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, b'mod partikolari d-diversifikazzjoni tal-għelejjel, il-biedja mħallta u s-saħħa mtejba tal-ħamrija***;
	Or. en

Emenda 344
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, is-suq u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ;	14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, is-suq u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju***, filwaqt li jġarrbu wkoll pressjonijiet sinifikanti fuq is-saħħa okkupazzjonali, peress li l-agrikoltura tibqa' wieħed mill-aktar setturi perikoluż fl-UE, b'rati ta' aċċidenti fatali madwar tliet darbiet ogħla mill-medja tal-UE u livelli għoljin ta' stress, dipressjoni u suwiċidju meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 345
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, is-suq u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ;	14. Iwissi li l-bdiewa żgħażagħ huma dejjem aktar esposti għal riskji relatati mal-klima, is-suq u l-mard u jiffaċċjaw aċċess inugwali għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju u jtejbu l-aċċessibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ ***u l-kopertura ta' dawn l-istrumenti għaż-żgħażagħ***;

Or. es

Emenda 346
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jissottolinja l-ħtieġa, f'dan il-kuntest, li jiġi żviluppat qafas tal-UE aktar robust għall-ġestjoni tar-riskji agrikoli, inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' riassigurazzjoni agrikola tal-UE biex is-settur isir aktar reżiljenti għall-frekwenza u l-intensità dejjem akbar ta' eventi ta' temp estrem, kriżijiet tas-saħħa u tfixkil tas-suq, filwaqt li jipprovdi kopertura akbar kontra r-riskji, itejjeb l-istabbiltà tad-dħul agrikolu u jiffaċilita l-aċċess għal strumenti tal-assigurazzjoni aktar effettivi u affordabbli għall-bdiewa;

Or. pt

Emenda 347
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu inċentivati miżuri preventivi fl-għodod għall-ġestjoni tar-riskju;

Or. en

Emenda 348
Michal Wiezik, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkomplementaw l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju b'appoġġ aktar b'saħħtu għal miżuri preventivi u investimenti fl-adattament għat-tibdil fil-klima li jnaqqsu l-esponiment għar-riskji klimatiċi u ambjentali, b'attenzjoni partikolari għall-vijabbiltà u l-ħtiġijiet fit-tul tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 349
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq li l-aċċess sostenibbli għall-ilma u l-ġestjoni effiċjenti tiegħu huma kundizzjonijiet essenzjali għall-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli u għat-tiġdid ġenerazzjonali, f'kuntest ta' nixfiet, għargħar u eventi ta' temp estrem li qed jiżdiedu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità, fl-ambitu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, lill-investimenti magħmula mill-bdiewa żgħażagħ fl-irrigazzjoni sostenibbli, il-ħżin tal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat, l-agroekoloġija u s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma tal-azjendi agrikoli filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-

ekosistemi;

Or. en

Emenda 350
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq fuq l-importanza li tittejjeb ir-reżiljenza tal-ilma fis-settur agrikolu billi jiġu appoġġjati l-investimenti fil-faċilitajiet tal-ħżin, tat-trasport u tad-distribuzzjoni tal-ilma, f'azzjoni biex tiġi mmodernizzata u mtejba l-effiċjenza tas-sistemi tat-tisqija, u fl-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma bil-ħsieb li tittejjeb il-kapaċità tas-settur li jadatta għat-tibdil fil-klima, titnaqqas il-vulnerabbiltà għan-nixfiet u jiġi żgurat li jkun disponibbli l-ilma għall-produzzjoni agrikola;

Or. pt

Emenda 351
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Emma Wiesner, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq li introjtu agrikolu ġust, prevedibbli u remunerattiv huwa essenzjali biex iż-żgħażagħ jiġu attirati lejn il-professjonijiet tal-biedja u b'hekk jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali; jappella, għalhekk, għal pożizzjoni aktar b'saħħitha tal-bdiewa fil-katina tal-valur,

għal aktar appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-kooperattivi, u biex jittieħdu miżuri effettivi kontra prattiki kummerċjali inġusti;

Or. en

Emenda 352
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***14b. Jirrikonoxxi r-rabtiet intrinsiċi bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent; jinnota li waħda mill-prijoritajiet tal-programm Orizzont Ewropa, flimkien mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-PAK, għandha tkun ir-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini għall-mard tal-annimali, li l-bdiewa kollha għandhom ikunu jistgħu jakkwistawhom malajr fuq bażi ugwali;**

Or. pt

Emenda 353
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq ***fuq l-importanza tal-komunikazzjoni dwar l-għodod*** ta' finanzjament u ta' ġestjoni tar-riskju ***biex jiżdied l-użu*** tagħhom ***fost il-bdiewa*** żgħażagħ;	15. Jisħaq ***li l-adozzjoni ta' għodod*** ta' finanzjament u ta' ġestjoni tar-riskju ***tiddependi mhux biss mis-sensibilizzazzjoni iżda wkoll mill-aċċessibbiltà*** tagħhom; ***jappella għal proċeduri amministrattivi aktar sempliċi, appoġġ konsultattiv adegwat u***

kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni faċli biex jintużaw mill-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 354
Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq l-importanza ***tal-komunikazzjoni*** dwar l-għodod ta' finanzjament u ta' ġestjoni tar-riskju biex jiżdied l-użu tagħhom fost il-bdiewa żgħażagħ;	15. Jisħaq fuq l-importanza ***ta' komunikazzjoni komprensiva u prattika*** dwar l-għodod ta' finanzjament u ta' ġestjoni tar-riskju ***kif ukoll ta' pariri dwar il-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju*** biex jiżdied l-użu tagħhom fost il-bdiewa żgħażagħ ***u li jiġu pprovduti servizzi sinifikattivi b'riżultati tanġibbli, pereżempju permezz ta' servizzi ta' informazzjoni ddedikata u/jew ta' konsultazzjoni bħala parti mill-uffiċċji tal-iżvilupp rurali jew servizzi ddedikati applikabbli oħra fil-livell lokali jew reġjonali***;

Or. en

Emenda 355
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq l-importanza tal-komunikazzjoni dwar l-għodod ta' finanzjament u ta' ġestjoni tar-riskju ***biex jiżdied l-użu tagħhom fost il-bdiewa*** żgħażagħ;	15. Jisħaq fuq l-importanza tal-komunikazzjoni dwar l-għodod ta' finanzjament u ta' ġestjoni tar-riskju***, billi ż-żieda fl-għarfien u l-kunfidenza tal-bdiewa*** żgħażagħ ***jikkontribwixxu għal użu akbar ta' dawn l-għodod***;

Or. ro

Emenda 356
Michal Wiezik, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq fuq l-importanza tal-komunikazzjoni dwar l-għodod ta' finanzjament u ta' ġestjoni tar-riskju biex jiżdied l-użu tagħhom fost il-bdiewa żgħażagħ;	15. Jisħaq fuq l-importanza tal-komunikazzjoni dwar l-għodod ta' finanzjament***, ta' adattament*** u ta' ġestjoni tar-riskju biex jiżdied l-użu tagħhom fost il-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 357
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu promossi programmi ta' taħriġ u ta' bini tal-kapaċitajiet fil-litteriżmu finanzjarju, fil-ġestjoni tan-negozju u fl-ippjanar tal-investiment sabiex il-bdiewa żgħażagħ jiġu mgħammra aħjar bil-ħiliet li jeħtieġu biex jiksbu aċċess għall-kreditu, jivvalutaw l-għażliet ta' finanzjament, jimmaniġġjaw ir-riskji u jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati, u fl-aħħar mill-aħħar jagħmlu l-azjendi agrikoli tagħhom aktar vijabbli ekonomikament u kompetittivi;

Or. pt

Emenda 358
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jirrimarka li l-adozzjoni ta' għodod ta' finanzjament u ta' ġestjoni tar-riskju tiddependi mhux biss mis-sensibilizzazzjoni iżda wkoll mill-aċċessibbiltà tagħhom; jappella għal proċeduri amministrattivi aktar sempliċi, appoġġ konsultattiv adegwat u kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni faċli biex jintużaw mill-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 359
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali se jfalli jekk il-produzzjoni agrikola primarja tibqa' s-segment l-anqas profittabbli tal-katina tal-valur tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfurzaw b'mod strett id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti (UTPs), filwaqt li jiżguraw li l-bdiewa żgħażagħ ikollhom l-ingranaġġ kuntrattwali biex jinnegozjaw prezzijiet ġusti li jkopru l-kostijiet inizjali għoljin tagħhom tal-produzzjoni u jiggarantixxu għajxien deċenti;

Or. en

Emenda 360
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita, fi ħdan il-qafas Ewropew applikabbli, il-kapaċità tal-Istati Membri li jistabbilixxu tassazzjoni speċifika u adattata għall-bidu tal-attività agrikola minn bdiewa żgħażagħ, inklużi inċentivi, bonuses jew posponimenti marbuta mal-installazzjoni, l-investiment produttiv, it-trasferiment tal-azjendi, l-akkwist ta' artijiet u ż-żamma tal-attività agrikola;

Or. es

Emenda 361
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jirrikonoxxi li t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura Ewropea huwa marbut mill-qrib mal-kapaċità tal-bdiewa li jikkompetu fuq termini ġusti, u jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-prodotti agrikoli importati minn pajjiżi terzi jkunu soġġetti għal salvagwardji u standards xierqa, sabiex jiġu protetti l-kompetittività u l-vijabbiltà fit-tul tal-azjendi agrikoli tal-UE;

Or. en

Emenda 362
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq li ż-żieda fir-riskji klimatiċi, sanitarji, tas-suq u ġeopolitiċi tikkostitwixxi ostaklu dejjem akbar għat-tiġdid ġenerazzjonali; jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għall-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju, għall-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima u għat-thejjija għall-kriżijiet għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 363
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jissottolinja li t-tnaqqis tal-esponiment għar-riskju permezz ta' dawn l-istrumenti għandu jiġi rikonoxxut aħjar mis-settur bankarju meta jiġi vvalutat l-aċċess għall-kreditu għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. it

Emenda 364
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jissottolinja, barra minn hekk, il-ħtieġa li jissaħħaħ it-taħriġ speċjalizzat

għall-persunal tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-valutazzjoni tal-pjanijiet tan-negozju tal-azjendi agrikoli u r-riskji speċifiċi għall-industrija, filwaqt li jitqiesu kif xieraq iċ-ċikli ta' investiment speċifiċi għall-agrikoltura, il-perjodi ta' rkupru ekonomiku u perjodi itwal ta' ripagament, kif ukoll profili tar-riskju distintivi meta mqabbla ma' setturi tan-negozju emerġenti oħra;

Or. it

Emenda 365
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jikkundanna l-proposta tal-Kummissjoni li twaqqaf lill-bdiewa li jilħqu l-età tal-irtirar u li jirċievu pensjoni milli jkunu eliġibbli għal pagamenti diretti mill-2032 'il quddiem; jemmen li dan ma jirriflettix id-differenzi bejn l-istrutturi agrikoli madwar l-UE u r-realtà soċjoekonomika ta' ħafna azjendi agrikoli tal-familja; jargumenta, għalhekk, li l-eliġibbiltà għall-pagamenti diretti għandha tkompli tkun ibbażata fuq l-attivitajiet tal-biedja proprji, irrispettivament mill-istatus tal-irtirar tal-bidwi;

Or. pt

Emenda 366
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt u piżijiet amministrattivi;***	16. ***Ifakkar bil-qawwa li l-liġi ċivili, is-sjieda tal-art, ir-regolamentazzjoni tal-kirjiet rurali, ir-regoli tas-suċċessjoni, u l-iskemi soċjali tal-pensjonijiet u tal-irtirar jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva u sovrana tal-Istati Membri; Jopponi kull tentattiv ta' armonizzazzjoni tad-drittijiet jew l-integrazzjoni tagħhom fil-mekkaniżmi ta' kontroll tas-Semestru Ewropew;***

Or. fr

Emenda 367
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn ***pensjonijiet inadegwati***, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt ***u*** piżijiet amministrattivi;	16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn ***introjti baxxi tal-irtirar***, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja***, żieda fil-prezzijiet tal-art***, regoli kumplessi dwar il-wirt***,*** piżijiet amministrattivi ***u diffikultajiet fl-aċċess għas-servizzi meħtieġa biex tiġi stabbilita azjenda agrikola, bħal mixtliet u trasport, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, fil-ġejjer u fir-reġjuni ultraperiferiċi***;

Or. en

Emenda 368
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt u piżijiet amministrattivi;	16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt***, disponibbiltà limitata ta' ppjanar tas-suċċessjoni*** u piżijiet amministrattivi; ***jirrimarka, barra minn hekk, in-nuqqas ta' inċentivi għat-trasferimenti tal-azjendi agrikoli, il-mobbiltà tal-art u l-iskemi ta' medjazzjoni;***

Or. en

Emenda 369
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt u piżijiet amministrattivi;	16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, ***piżijiet fiskali kbar,*** regoli kumplessi dwar il-wirt u piżijiet amministrattivi;

Or. de

Emenda 370
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt u piżijiet amministrattivi;	16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt***, regoli ta' tassazzjoni oneruża*** u piżijiet

amministrattivi;

Or. en

Emenda 371
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt u piżijiet amministrattivi;	16. Jirrimarka li s-suċċessjoni tal-farms hija mxekkla minn pensjonijiet inadegwati, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, regoli kumplessi dwar il-wirt u piżijiet amministrattivi***, kif ukoll miż-żamma tal-art***;

Or. en

Emenda 372
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jindika li f'ħafna każijiet, il-pensjonijiet tal-bdiewa għadhom taħt il-livell ta' introjtu li jeħtieġu biex ikunu jistgħu jiggarantixxu standard ta' għajxien deċenti, u mhumiex partikolarment adattati għal stadju ta' ħajjithom meta l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa, tal-kura u tal-kura fit-tul għandhom it-tendenza li jiżdiedu; iqis li huwa kruċjali, għalhekk, li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-bdiewa jkunu jistgħu jgawdu rtirar finanzjarjament sigur, biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment ta' azjendi agrikoli minn ġenerazzjoni għall-oħra u biex jiġi

promoss it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu;

Or. pt

Emenda 373
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrimarka li l-aċċess għall-art, kif ukoll it-trasferiment tal-azjenda agrikola għall-ġenerazzjoni żagħżugħa, jiskattaw pagamenti tat-taxxa sinifikanti f'diversi Stati Membri – pereżempju fil-qasam tal-akkwist tal-art, id-donazzjonijiet u t-tassazzjoni fuq il-wirt – li jpoġġu piż addizzjonali fuq il-bdiewa żgħażagħ fil-fażi inizjali diġà intensiva fil-kapital u jdewmu jew jipprevjenu t-trasferiment tal-azjendi agrikoli;

Or. de

Emenda 374
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jistieden lill-Istati Membri, fil-qafas tal-kompetenza fiskali tagħhom, jikkunsidraw u jipprevedu ħelsien mit-taxxa mmirat għall-akkwist tal-azjendi agrikoli, kif ukoll għat-trasferiment tan-negozji fi ħdan il-familja u barra minnha;

Or. de

Emenda 375
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi rikonoxxut u appoġġjat it-trasferiment tal-azjendi agrikoli bejn il-ġenerazzjonijiet u li jiġi żgurat li l-mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla biex jgħinu lill-bdiewa żgħażagħ jibdew iqisu kif xieraq is-suċċessjoni tal-familja, peress li l-kontinwità tal-biedja minn ġenerazzjoni għal oħra hija waħda mill-fatturi ewlenin wara l-promozzjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali, il-konsolidazzjoni tal-għarfien espert tekniku u ż-żamma tal-produzzjoni fiż-żoni rurali;

Or. pt

Emenda 376
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrikonoxxi li l-azjendi agrikoli tal-familja jiżvolġu rwol kruċjali fl-iffaċilitar tat-tiġdid ġenerazzjonali b'suċċess, filwaqt li jibqgħu s-sinsla tal-agrikoltura Ewropea;

Or. en

Emenda 377
Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrikonoxxi d-diskrepanza fil-pagi bejn is-settur agrikolu u setturi ekonomiċi oħra; jishaq li salarju ta' bidwi jista' jkun (ħafna) anqas mis-salarju gross medju nazzjonali ta' Stat Membru; iħeġġeġ għalhekk lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-ġbir tad-data u l-isforzi komparattivi biex jaħdmu lejn trasparenza akbar fil-pagi għall-bdiewa kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll madwar l-UE; u jħeġġeġ lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jaslu għal kumpens ġust għall-bdiewa;

Or. en

Emenda 378
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jiżviluppaw mekkaniżmi konsultattivi ta' twissija u preventivi għall-bdiewa li jipprovdu informazzjoni f'waqtha dwar ir-riskji klimatiċi, tas-saħħa tal-pjanti, tas-saħħa tal-annimali u tas-suq sabiex jippermettu l-adozzjoni f'waqtha ta' miżuri għall-protezzjoni tal-għelejjel, tal-bhejjem u tal-investimenti agrikoli;

Or. ro

Emenda 379
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jinnota li l-fatturi soċjali u psikoloġiċi għandhom ukoll rwoli sinifikanti fis-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 380
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-iskemi tal-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-irtirar tagħhom u jintroduċu inċentivi li jiffaċilitaw l-irtirar gradwali ***u l-kooperazzjoni*** interġenerazzjonali; jisħaq li l-bdiewa akbar fl-età jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirtiraw b'dinjità u ***mingħajr ma jitilfu*** l-appoġġ ***għall-introjtu bażiku***;	17. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-iskemi tal-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-irtirar tagħhom u ***jsaħħu l-kopertura tal-pensjoni għall-bdiewa; jistieden ukoll lill-Istati Membri*** jintroduċu inċentivi li jiffaċilitaw l-irtirar gradwali***, il-kooperazzjoni*** interġenerazzjonali ***u t-trasferimenti tal-azjendi agrikoli u li jappoġġjaw l-użu ta' skemi tal-pensjoni privati supplimentari permezz ta' assistenza għall-ippjanar finanzjarju u programmi ta' sensibilizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-bdiewa jingħataw pariri u appoġġ aċċessibbli dwar l-ippjanar tal-irtirar u s-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli, u jitlob li jsiru sforzi biex jiġi żgurat li l-persuni kollha involuti b'mod attiv fil-biedja, inklużi l-membri tal-familja, il-konjuġi u s-sħab, ikollhom aċċess adegwat għall-protezzjoni soċjali u l-opportunità li jibnu intitolamenti tal-pensjoni indipendenti***; jisħaq li l-bdiewa akbar fl-età jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirtiraw b'dinjità u ***sigurtà finanzjarja, appoġġjati minn sistemi tal-pensjoni u tal-protezzjoni soċjali***

adegwati, filwaqt li jiġi żgurat li l-appoġġ ***tal-PAK jibqa' mmirat lejn il-bdiewa attivi u jiffaċilita l-mobbiltà tal-art lejn il-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda***;

Or. en

Emenda 381
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-iskemi tal-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-irtirar tagħhom u jintroduċu inċentivi li jiffaċilitaw l-irtirar gradwali u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali; jisħaq li l-bdiewa akbar fl-età jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirtiraw b'dinjità u mingħajr ma jitilfu l-appoġġ għall-introjtu bażiku;	17. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-iskemi tal-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-irtirar tagħhom u jintroduċu inċentivi li jiffaċilitaw l-irtirar gradwali u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali ***u t-trasferiment effettiv tal-azjendi lill-bdiewa żgħażagħ***; jisħaq li l-bdiewa akbar fl-età jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirtiraw b'dinjità u mingħajr ma jitilfu l-appoġġ għall-introjtu bażiku ***u li l-istrumenti tat-taxxa, tal-wirt u tal-għoti ta' pariri għandhom jippromwovu trasferiment ordnat tal-azjenda***;

Or. es

Emenda 382
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-iskemi tal-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-irtirar tagħhom u jintroduċu inċentivi li jiffaċilitaw l-irtirar gradwali u l-kooperazzjoni	17. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-iskemi tal-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-irtirar tagħhom u jintroduċu inċentivi li jiffaċilitaw l-irtirar gradwali u l-kooperazzjoni

interġenerazzjonali; jisħaq li l-bdiewa akbar fl-età jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirtiraw b'dinjità u ***mingħajr ma jitilfu*** l-appoġġ ***għall-introjtu bażiku***;	interġenerazzjonali; jisħaq li l-bdiewa akbar fl-età jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirtiraw b'dinjità u ***sigurtà finanzjarja, appoġġjati minn sistemi tal-pensjoni u tal-protezzjoni soċjali adegwati, filwaqt li jiġi żgurat li*** l-appoġġ ***tal-PAK jibqa' mmirat lejn il-bdiewa attivi u jiffaċilita l-mobbiltà tal-art lejn il-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda***;
	Or. en

Emenda 383
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-iskemi tal-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-irtirar ***tagħhom*** u jintroduċu inċentivi li jiffaċilitaw l-irtirar gradwali u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali; jisħaq li l-bdiewa akbar fl-età jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirtiraw b'dinjità ***u*** mingħajr ma jitilfu ***l-appoġġ għall-introjtu*** bażiku;	17. Jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-iskemi tal-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-irtirar u jintroduċu inċentivi li jiffaċilitaw l-irtirar gradwali***, il-biedja part-time*** u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali; jisħaq li l-bdiewa akbar fl-età jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirtiraw b'dinjità mingħajr ma jitilfu ***l-introjtu*** bażiku;
	Or. en

Emenda 384
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja li l-irtirar tal-bdiewa, is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli u l-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ għandhom jiġu ttrattati bħala partijiet

mill-istess katina ta' politika integrata u li l-bdiewa akbar fl-età ma għandhomx jiffaċċjaw penali amministrattivi jew fiskali meta jittrasferixxu l-azjendi agrikoli, l-art jew l-assi produttivi lill-ġenerazzjoni li jmiss;

Or. en

Emenda 385
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw il-possibbiltà li jistabbilixxu skema ta' rtirar bikri ffinanzjata mill-UE għall-bdiewa sabiex l-azjendi agrikoli jkunu jistgħu jiġu ttrasferiti minn ġenerazzjoni għall-oħra; iqis li miżura bħal din għandha tipprovdi sigurtà finanzjarja lill-bdiewa fi tmiem il-karriera tagħhom, tippromwovi t-trasferiment rapidu ta' azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u tgħin biex jitħaffef it-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li tagħmel l-azjendi agrikoli f'żoni rurali aktar kompetittivi u ttejjeb il-kontinwità tagħhom;

Or. pt

Emenda 386
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw skemi volontarji ta' suċċessjoni tal-azjendi agrikoli li jiffaċilitaw it-trasferiment gradwali tar-responsabbiltajiet maniġerjali, tal-ħiliet u tal-assi tal-azjendi agrikoli lill-bdiewa żgħażagħ permezz ta' pjanijiet ta' suċċessjoni strutturati;

Or. en

Emenda 387
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jissottolinja li tiġdid ġenerazzjonali effettiv jirrikjedi politiki li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ ġenerazzjonijiet u jiżguraw il-kontinwità u l-vijabbiltà tal-biedja tal-familja;

Or. en

Emenda 388
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jirrimarka li l-fraġilità tal-istatus tal-konjuġi u s-sħab tal-bdiewa qed tfixkel it-tiġdid ġenerazzjonali; jinnota b'mod partikolari d-diffikultà li jkollhom biex

jaċċessaw is-servizzi soċjali li diġà huma globalment insuffiċjenti u normalment aċċessibbli għall-bdiewa, b'mod partikolari d-drittijiet tal-pensjoni, il-liv tal-maternità, is-servizzi ta' għajnuna u t-taħriġ; jinnota, f'dan ir-rigward, li r-regola ta' "sid/maniġer tal-azjenda agrikola wieħed" li tapplika f'ħafna Stati Membri tikkontribwixxi ħafna għal din il-kwistjoni u jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-kointraprenditorija formali fil-biedja;

Or. en

Emenda 389
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza li protezzjoni soċjali affidabbli u assigurazzjoni soċjali u tal-pensjoni tal-bdiewa indipendenti huma prerekwiżiti essenzjali kemm għal irtirar dinjituż tal-ġenerazzjoni li tittrasferixxi kif ukoll għall-protezzjoni tal-ġenerazzjoni li tirċievi; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom għall-bdiewa u jnaqqsu l-ostakli soċjali għal trasferiment ordnat tal-azjendi agrikoli;

Or. de

Emenda 390
Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika, tivvaluta u tippromwovi l-aħjar prattiki mill-Istati Membri jew tiżviluppa gwida bbażata fuq esperjenzi nazzjonali ta' suċċess bi skemi volontarji ta' rtirar u trasferiment tal-azjendi agrikoli, inklużi arranġamenti ta' rtirar gradwali, inċentivi fiskali u finanzjarji, u servizzi ta' ppjanar tas-suċċessjoni, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 391
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw l-aħjar prattiki mill-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali agrikola eżistenti madwar l-Unjoni sabiex isaħħu l-protezzjoni soċjali u l-adegwatezza tal-introjtu tal-irtirar għall-bdiewa, b'mod partikolari f'setturi u reġjuni ekonomikament vulnerabbli fejn il-profittabbiltà baxxa toħloq ostakli addizzjonali għat-trasferiment f'waqtu tal-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 392
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Emma Wiesner, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom, jużaw għodod fiskali xierqa, inklużi ħelsien mit-taxxa u inċentivi biex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli, is-suċċessjoni u l-mobbiltà tal-art lill-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 393
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Istati Membri jużaw għodod fiskali xierqa, inklużi ħelsien mit-taxxa u inċentivi biex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli, is-suċċessjoni u l-mobbiltà tal-art lill-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 394
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-KE u lill-Istati Membri jistudjaw mudelli ta' inċentivi għat-trasferiment ta' azjendi li jikkumpensaw lill-bdiewa li jkunu waslu biex jirtiraw u li jiddeċiedu li

	jittrasferixxu l-azjendi tagħhom lil żgħażagħ;

Or. es

Emenda 395
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iħeġġeġ ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli konsultattivi integrati li jappoġġjaw lill-familji li jaħdmu fis-settur tal-biedja matul l-ippjanar tas-suċċessjoni, inklużi l-aspetti legali, finanzjarji, amministrattivi u soċjali;	18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli konsultattivi integrati li jappoġġjaw lill-familji li jaħdmu fis-settur tal-biedja matul l-ippjanar tas-suċċessjoni, inklużi l-aspetti legali, finanzjarji, amministrattivi u soċjali;

Or. fr

Emenda 396
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli konsultattivi integrati li jappoġġjaw lill-familji li jaħdmu fis-settur tal-biedja matul l-ippjanar tas-suċċessjoni, inklużi l-aspetti legali, finanzjarji, amministrattivi u soċjali;	18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli konsultattivi integrati li jappoġġjaw lill-familji li jaħdmu fis-settur tal-biedja matul l-ippjanar tas-suċċessjoni, inklużi l-aspetti legali, finanzjarji, amministrattivi u soċjali***, u jiżguraw li r-regoli tat-tassazzjoni jiffaċilitaw aktar milli jfixklu t-trasferiment tal-azjendi, b'mod partikolari fl-istess familja***;

Or. en

Emenda 397
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli konsultattivi integrati li jappoġġjaw lill-familji li jaħdmu fis-settur tal-biedja matul l-ippjanar tas-suċċessjoni, inklużi l-aspetti legali, finanzjarji, amministrattivi u soċjali;	18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli konsultattivi integrati li jappoġġjaw lill-familji li jaħdmu fis-settur tal-biedja matul l-ippjanar tas-suċċessjoni, inklużi l-aspetti legali, finanzjarji, amministrattivi u soċjali; ***bil-għan tat-trasferiment tal-art u tal-azjendi agrikoli lil ġenerazzjonijiet ġodda;***

Or. ro

Emenda 398
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli konsultattivi integrati li jappoġġjaw lill-familji li jaħdmu fis-settur tal-biedja matul l-ippjanar tas-suċċessjoni, inklużi l-aspetti legali, finanzjarji, amministrattivi u soċjali;	18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli konsultattivi integrati li jappoġġjaw lill-familji li jaħdmu fis-settur tal-biedja matul l-ippjanar tas-suċċessjoni, inklużi l-aspetti legali, finanzjarji, amministrattivi***,*** ***psikoloġiċi*** u soċjali;

Or. en

Emenda 399
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw inċentivi fiskali bħal bolol imnaqqsa fuq il-wirt fuq l-art mogħtija b'lokazzjoni lill-bdiewa taħt arranġamenti fit-tul sabiex jiġu ffaċilitati s-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli u l-investiment mill-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 400
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq fuq l-importanza ta' skemi ta' mentoraġġ u tat-trasferiment tal-għarfien interġenerazzjonali biex jiġi żgurat li l-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien agrikolu lokali jingħaddew lill-bdiewa żgħażagħ u lill-parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 401
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob li l-mudelli ta' għoti ta' pariri dwar is-suċċessjoni jinkludu servizzi ta' medjazzjoni, ippjanar tan-negozju, valutazzjoni tal-assi, tassazzjoni, aċċess għall-finanzjament u appoġġ legali, sabiex jiġu evitati kunflitti familjari, jiġi aċċelerat it-trasferiment u

tiġi offruta sigurtà kemm lill-bidwi li jħalli l-azjenda kif ukoll lill-bidwi żagħżugħ li jkun se jeħodha f'idejh;

Or. es

Emenda 402
Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Iheġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar skemi ta' rtirar adegwati u/jew mudelli ta' suċċessjoni tal-azjendi agrikoli u fost l-Istati Membri biex joħolqu eżiti aħjar għall-maniġers tal-azjendi agrikoli li jixtiequ jirtiraw u jiffaċilitaw id-dħul ta' maniġers tal-azjendi agrikoli żgħażagħ;

Or. en

Emenda 403
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Marie Dauchy, Barbara Bonte, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li l-proposta li jiġi abolit l-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa rtirati ma tiżgurax it-tiġdid ġenerazzjonali, u li n-nuqqas ta' tali appoġġ iġiegħel lill-Istati Membri jikkumpensaw lil dawk li, bis-saħħa tal-esperjenza siewja tagħhom, jipprovdu gwida indispensabbli lill-ġenerazzjonijiet iżgħar;

Or. en

Emenda 404
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw it-trasferiment interġenerazzjonali bikri, ordnat u sigur tal-azjendi agrikoli, inklużi miżuri tat-taxxa mmirati, ċertezza legali għall-istrutturi tal-biedja tal-familja u appoġġ effettiv għal parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 405
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa gwida tal-UE dwar il-ftehimiet ta' qabel iż-żwieġ biex tappoġġja r-rikonoxximent u l-eżegwibbiltà tagħhom fl-Istati Membri kollha, bil-ħsieb li jiġu protetti l-assi tal-azjendi agrikoli tal-familja matul is-suċċessjoni u t-trasferiment interġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 406
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiddependi biss fuq is-suċċessjoni tal-familja; ***jappella għal*** appoġġ aktar b'saħħtu għal parteċipanti ġodda, persuni minn sfondi mhux tal-biedja, mudelli ta' biedja kooperattiva u aċċess innovattiv għal assi produttivi;	19. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiddependi biss fuq is-suċċessjoni tal-familja; ***jisħaq li l-arranġamenti tal-biedja kollaborattiva, inklużi s-shubijiet, il-mezzadrija, it-trobbija b'kuntratt, u l-lokazzjoni fit-tul joffru perkorsi ta' dħul alternattivi vijabbli; iwissi li l-adozzjoni tagħhom għadha irregolari, parzjalment minħabba restrizzjonijiet finanzjarji u nuqqas ta' ċarezza dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joffru*** appoġġ aktar b'saħħtu għal parteċipanti ġodda, persuni minn sfondi mhux tal-biedja, mudelli ta' biedja kooperattiva u aċċess innovattiv għal assi produttivi***, inklużi strutturi ta' finanzjament u ġestjoni formalizzata, sabiex jittejbu l-effettività u l-aċċessibbiltà tagħhom***;

Or. en

Emenda 407
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiddependi biss fuq is-suċċessjoni tal-familja; jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għal parteċipanti ġodda, persuni minn sfondi mhux tal-biedja, mudelli ta' biedja kooperattiva u aċċess innovattiv għal assi produttivi;	19. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiddependi biss fuq is-suċċessjoni tal-familja; ***jissottolinja li parteċipanti ġodda minn sfondi mhux agrikoli jiffaċċjaw ostakli akbar inkluż nuqqas ta' art, kapital, kollateral, networks soċjali u għarfien settorjali***; jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għal parteċipanti ġodda, persuni minn sfondi mhux tal-biedja, mudelli ta' biedja kooperattiva u aċċess

innovattiv għal assi produttivi; ***jistieden b'mod partikolari lill-Istati Membri jiżviluppaw perkorsi ddedikati għal parteċipanti ġodda minn sfondi mhux agrikoli, inklużi mentoraġġ estiż, mudelli ta' inkubazzjoni tal-azjendi agrikoli pass pass, aċċess għal azjendi agrikoli tal-ittestjar u strutturi ta' installazzjoni kooperattivi;***

Or. en

Emenda 408
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiddependi biss fuq is-suċċessjoni tal-familja; jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għal parteċipanti ġodda, persuni minn sfondi mhux tal-biedja, mudelli ta' biedja kooperattiva u aċċess innovattiv għal assi produttivi;	19. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiddependi biss fuq is-suċċessjoni tal-familja; jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għal parteċipanti ġodda, persuni minn sfondi mhux tal-biedja, mudelli ta' biedja kooperattiva u aċċess innovattiv għal assi produttivi, ***inklużi perkorsi progressivi ta' stabbiliment, inkubaturi tal-azjendi agrikoli, skemi ta' mentoraġġ u aċċess iffaċilitat għall-kreditu u l-art***;

Or. en

Emenda 409
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiddependi biss fuq is-suċċessjoni tal-familja; jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għal parteċipanti ġodda, persuni	19. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiddependi biss fuq is-suċċessjoni tal-familja; jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għal parteċipanti ġodda, persuni

minn sfondi mhux tal-biedja, mudelli ta' biedja kooperattiva u aċċess innovattiv għal assi produttivi;	minn sfondi mhux tal-biedja, mudelli ta' biedja kooperattiva ***u kollettiva*** u aċċess innovattiv għal assi produttivi;

Or. en

Emenda 410
Arash Saeidi, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali issa huwa strutturalment imminat minn kriżi profonda tal-art, li tirriżulta mill-finanzjalizzazzjoni dejjem akbar tal-art agrikola, l-ispekulazzjoni u l-ħtif tal-art minn fondi ta' investiment u entitajiet korporattivi li jittrattaw l-art agrikola bħala assi finanzjarju għad-detriment tar-rwol tagħha fil-provvista tal-ikel u fil-qadi tal-komunità; jiddeplora l-għajbien aċċelerat ta' azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, li jiġu mġiegħla jbigħu jew jabbandunaw l-art tagħhom fid-dawl tal-prezzijiet tal-art li mhumiex affordabbli għall-bdiewa żgħażagħ mingħajr kapital tal-familja; jirrimarka li din il-konċentrazzjoni tiggrava l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-istabbiliment fil-biedja u trendi l-politiki ta' appoġġ għall-istabbiliment bla sens sakemm l-art tibqa' soġġetta biss għall-forzi tas-suq;

Or. en

Emenda 411
Arash Saeidi, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jappella għal tisħiħ sostanzjali tal-għodod tar-regolamentazzjoni tal-art, b'mod partikolari s-setgħat ta' prelazzjoni u kontroll fuq il-bejgħ tal-ishma miżmuma mill-korpi pubbliċi rilevanti; jappella għal trasparenza fir-rigward tas-sjieda benefiċjarja tal-art agrikola, għal mekkaniżmi ta' żamma ta' art pubblika biex jiġi limitat id-dejn imġarrab meta tiġi stabbilita azjenda agrikola, u għal miżuri biex tiġi miġġielda l-konċentrazzjoni eċċessiva tal-art;

Or. en

Emenda 412
Arash Saeidi, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Iqis li l-art agrikola ma tistax tiġi ridotta għal assi finanzjarju u li tikkostitwixxi assi strateġiku li jservi s-sovranità tal-ikel;

Or. en

Emenda 413
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Iwissi kontra l-konċentrazzjoni u l-finanzjalizzazzjoni tal-art agrikola, li dejjem qegħdin jiżdiedu, u jappella għal għodod nazzjonali aktar b'saħħithom biex

jipproteġu l-mudell tal-biedja tal-familja u jiffaċilitaw l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. fr

Emenda 414
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-istrutturi tal-biedja kollettivi u kooperattivi, inklużi l-mudelli ta' ġestjoni konġunta tal-azjendi agrikoli, jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ fil-PAK ta' wara l-2027 u fl-istrateġiji nazzjonali ta' tiġdid ġenerazzjonali, inkluż permezz tal-inklużjoni espliċita tagħhom fil-kriterji ta' eliġibbiltà għall-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 415
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jisħaq li l-ħaddiema agrikoli jridu jitqiesu bħala kategorija importanti biex jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali u jitlob li jiġu implimentati programmi ta' taħriġ xierqa biex jgħinuhom jiksbu l-ħiliet ta' ġestjoni tan-negozju;

Or. en

Emenda 416
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jirrikonoxxi li r-rekwiżiti amministrattivi eċċessivi huma fost l-aktar ostakli sinifikanti għad-dħul fis-settur agrikolu, u dan idgħajjef l-attraenza tal-biedja bħala professjoni, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 417
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiġi sfurzat u jrid ikun gradwali sabiex tinżamm id-dinjità tal-bdiewa kollha u s-sigurtà u l-istabbiltà finanzjarja tagħhom;

Or. en

Emenda 418
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali joffri opportunità storika biex tinbeda t-tranżizzjoni lejn mudelli agrikoli aktar sostenibbli, u li ġenerazzjonijiet ġodda ta' bdiewa ma jridux jibqgħu marbuta ma' prattiki li jipperpetwaw id-dipendenza fuq l-industrija agrokimika, jiddegradaw il-ħamrija, inaqqsu l-bijodiversità u jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bdiewa futuri nfushom;

Or. en

Emenda 419
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jitlob li l-appoġġ għall-konverżjoni għall-biedja organika jsir punt fokali ċentrali tal-politiki dwar l-istabbiliment u l-appoġġ ta' prattiki agroekoloġiċi, u għall-appoġġ għad-diversifikazzjoni, il-ktajjen tal-provvista qosra u s-sovranità tal-ikel lokali; jiddeplora t-tnaqqis fl-appoġġ pubbliku għall-biedja organika u t-tentattivi biex tiddgħajjef it-tikketta organika; iqis li dan it-tnaqqis jimmina l-impenji li saru fl-ambitu tal-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u jiskoraġġixxi l-ġenerazzjoni li jmiss ta' bdiewa impenjati favur it-tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 420
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Iqis li politika agrikola mmirata lejn it-tiġdid ġenerazzjonali ma tistax tkun limitata għall-espansjoni tal-azjendi agrikoli u l-kompetittività tal-esportazzjoni; iwissi li dan il-mudell, ibbażat fuq il-konċentrazzjoni fuq l-inputs kimiċi u d-dipendenza minnhom, ma jwassal imkien mil-lat ekonomiku, ekoloġiku u uman; jitlob, għall-kuntrarju, li jingħata appoġġ prijoritarju lill-azjendi agrikoli fuq skala żgħira u awtosuffiċjenti li joħolqu l-impjiegi; jappella għal skemi ta' appoġġ għall-bidu, għas-suċċessjoni u għall-art li jiffavorixxu proġetti organiċi u agroekoloġiċi;

Or. en

Emenda 421
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Iqis li t-tiġdid ġenerazzjonali jista' jkun sostenibbli biss jekk il-bdiewa futuri jkunu protetti mir-riskji għas-saħħa li ħallew impatt daqshekk qawwi fuq il-predeċessuri tagħhom; jenfasizza r-rabtiet dokumentati bejn l-esponiment għall-pestiċidi u ż-żieda f'ċerti kanċers, mard newrodeġenerattiv u kundizzjonijiet kroniċi; jitlob li s-saħħa tal-bdiewa tingħata prijorità fil-politiki ta' insedjament, b'mod partikolari billi jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni u monitoraġġ mediku mill-istadju ta' taħriġ inizjali 'l quddiem, titħaffef l-eliminazzjoni gradwali tal-aktar sustanzi

perikoluży, u jiġi żgurat aċċess effettiv għas-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali u trattament xieraq għall-mard relatat max-xogħol għall-bdiewa Ewropej kollha;

Or. en

Emenda 422
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jisħaq li t-tibdil fil-klima joħloq sfida kbira għat-tiġdid ġenerazzjonali, peress li n-nixfiet, l-għargħar u l-ġlata tardiva qed isiru aktar frekwenti u qed jiggravaw l-instabbiltà tal-introjtu agrikolu; iqis li r-riskju dejjem jikber tal-assigurazzjoni, u l-kost projbittiv li jirriżulta mill-kopertura privata, jikkostitwixxu ostaklu reali għall-bdiewa żgħażagħ biex jibdew negozju; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi pubbliċi għall-akkomunament u għall-garanzija tar-riskji klimatiċi, li jkunu aċċessibbli u affordabbli għall-azjendi agrikoli ta' kull daqs, sabiex l-inċertezza klimatika ma ssirx ostaklu addizzjonali għad-dħul fil-professjoni;

Or. en

Emenda 423
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-tagħlim tul il-	20. Jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-tagħlim tul il-

ħajja u l-ħiliet diġitali u intraprenditorjali fiż-żoni rurali; jinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-iskejjel agrikoli, l-universitajiet, is-servizzi ta' konsulenza u n-negozji lokali;	ħajja***, il-kondivižjoni tal-aħjar prattiki*** u l-ħiliet diġitali u intraprenditorjali fiż-żoni rurali; jinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-iskejjel agrikoli, l-universitajiet, is-servizzi ta' konsulenza u n-negozji lokali ***biex jiġi żgurat li l-għarfien, l-innovazzjoni u r-riżultati tar-riċerka jilħqu lill-bdiewa b'mod effettiv***; ***jappella għal servizzi ta' taħriġ u konsulenza biex ikopru aħjar il-ġestjoni tan-negozju, l-agroekoloġija, il-benesseri tal-annimali, il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u tal-ilma, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-innovazzjoni diġitali, il-mudelli tal-ekonomija ċirkolari u l-użu tal-enerġija rinnovabbli;***

Or. en

Emenda 424
Emma Wiesner, Asger Christensen, Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u l-ħiliet diġitali u intraprenditorjali fiż-żoni rurali; jinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-iskejjel agrikoli, l-universitajiet, is-servizzi ta' konsulenza u n-negozji lokali;	20. Jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u l-ħiliet diġitali u intraprenditorjali fiż-żoni rurali; jinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-iskejjel agrikoli, l-universitajiet, is-servizzi ta' konsulenza u n-negozji lokali***, inkluż dwar sistemi ta' produzzjoni reżiljenti għat-tibdil fil-klima u diversifikati, il-ġestjoni sostenibbli tal-azjendi agrikoli, u l-għodod diġitali għall-agrikoltura ta' preċiżjoni***;

Or. en

Emenda 425
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u l-ħiliet diġitali u intraprenditorjali fiż-żoni rurali; jinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-iskejjel agrikoli, l-universitajiet, is-servizzi ta' konsulenza u n-negozji lokali;	20. Jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u l-ħiliet diġitali u intraprenditorjali fiż-żoni rurali; jinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-iskejjel agrikoli, l-universitajiet, is-servizzi ta' konsulenza, ***il-gvernijiet lokali u reġjonali*** u n-negozji lokali;

Or. en

Emenda 426
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu promossi l-litteriżmu diġitali, il-ħiliet teknoloġiċi u l-użu ta' għodod diġitali innovattivi biex jgħinu jimmodernizzaw is-settur agrikolu u jagħmluh aktar kompetittiv; jenfasizza l-importanza, barra minn hekk, tal-kondivižjoni tal-għarfien u tal-aħjar prattiki u l-inkoraġġiment tal-iskambju tal-innovazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati agrikoli kollha;

Or. pt

Emenda 427
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Emma Wiesner, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Istati Membri jadattaw u jimmodernizzaw il-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ agrikoli biex iqisu l-avvanzi f'teknoloġiji ġodda, bħall-għodod diġitali, il-biedja ta' preċiżjoni u tekniki ġenomiċi ġodda, sabiex il-bdiewa żgħażagħ jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jippreżervaw mudell agrikolu Ewropew innovattiv u kompetittiv;

Or. en

Emenda 428
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Istati Membri jadattaw u jimmodernizzaw il-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ agrikoli biex jirriflettu l-iżviluppi f'teknoloġiji ġodda bħall-għodod diġitali, il-biedja ta' preċiżjoni u tekniki ġenomiċi ġodda sabiex il-bdiewa żgħażagħ jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex iżommu mudell agrikolu Ewropew innovattiv u kompetittiv;

Or. en

Emenda 429
Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' aċċess għal kontenut edukattiv aġġornat, ta' kwalità

għolja u sinifikattiv għall-bdiewa fl-istadji kollha tal-ħajja professjonali tagħhom, speċjalment anke f'żoni rurali jew remoti; jissottolinja l-ħtieġa ta' trasferiment aktar mgħaġġel ta' għarfien u prattiki innovattivi bejn l-applikazzjoni fid-dinja reali u l-edukazzjoni istituzzjonalizzata;

Or. en

Emenda 430
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq li aċċess wiesa' u b'limitu baxx għall-edukazzjoni u t-taħriġ agrikoli minn età bikrija huwa essenzjali biex jiġi żgurat tiġdid ġenerazzjonali fit-tul; jenfasizza l-importanza ta' network komprensiv ta' skejjel tekniċi u vokazzjonali agrikoli u mudelli ta' taħriġ doppju prattiku, li wrew li kienu ta' suċċess f'diversi Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri jespandu l-offerta tagħhom ta' edukazzjoni agrikola, jagħmluha aċċessibbli fi stadju bikri u mifruxa, u jorbtuha aktar mill-qrib mal-prattiki tal-biedja;

Or. de

Emenda 431
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-aċċess tas-settur agrikolu għall-

programm Erasmus+ u tippromwovi l-parteċipazzjoni attiva tal-bdiewa, l-organizzazzjonijiet agrikoli, il-kooperattivi u l-korpi tal-iżvilupp rurali mhux biss bħala parteċipanti, iżda wkoll bħala organizzaturi u koordinaturi tal-proġetti ta' mobbiltà, kooperazzjoni u innovazzjoni, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aħjar prattiki u t-trasferiment tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet u bejn l-Istati Membri;

Or. ro

Emenda 432
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess tal-bdiewa żgħażagħ għal opportunitajiet ta' taħriġ, skambju ta' esperjenza u mobbiltà Ewropea, inkluż permezz tal-programmi tal-Erasmus+ u, b' mod partikolari, permezz tal-Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ, sabiex jissaħħu l-ħiliet professjonali, imprenditorjali, diġitali u ta' innovazzjoni meħtieġa għall-agrikoltura tal-futur; jinnota, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' konsistenza akbar bejn il-kriterji tal-età applikabbli għad-diversi strumenti tal-Unjoni mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ u l-programmi ta' mobbiltà, kif ukoll għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni amministrattiva, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess effettiv tal-bdiewa żgħażagħ għal dawn l-opportunitajiet;

Or. ro

Emenda 433
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jappella għal appoġġ akbar għall-bdiewa żgħażagħ permezz ta' Erasmus+ u programmi komparabbli ta' mobbiltà u skambju sabiex ikunu jistgħu jsiru jafu l-azjendi agrikoli u l-mudelli ta' produzzjoni fi Stati Membri oħra, jiskambjaw l-aħjar prattiki u jibnu networks transfruntiera;

Or. de

Emenda 434
Michal Wiezik, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jappella għal sinerġiji aktar b'saħħithom bejn il-PAK u Erasmus+ biex jespandu l-opportunitajiet u jattiraw lill-bdiewa żgħażagħ, lill-apprendisti u lill-imprendituri rurali biex jiskambjaw l-għarfien, l-aħjar prattiki u jibnu networks tal-bdiewa madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 435
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iħeġġeġ il-promozzjoni ta' parteċipazzjoni attiva fl-AKIS, in-Network tal-PAK, u t-tagħlim bejn il-pari, kif ukoll f'opportunitajiet ta' skambju u mobbiltà, inkluż permezz ta' miżuri ta' kondiviżjoni tal-għarfien iffinanzjati mill-PAK;

Or. en

Emenda 436
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jappella għal programmi strutturati ta' skambju ta' prattika għall-bdiewa żgħażagħ, inklużi t-tagħlim bejn il-pari, iż-żjarat fl-azjendi agrikoli, il-mentoraġġ, in-networks ta' dimostrazzjoni, u l-iskambji bejn l-Istati Membri u r-reġjuni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet simili, bħall-gżejjer, is-sistemi agrikoli fuq skala żgħira, u ż-żoni vulnerabbli għall-klima;

Or. en

Emenda 437
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jappella għal miżuri biex jitnaqqsu l-ostakli finanzjarji, amministrattivi u ġeografiċi għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni

vokazzjonali u fil-programmi ta' tagħlim tul il-ħajja għall-bdiewa u l-ħaddiema agrikoli;

Or. en

Emenda 438
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jappella għal appoġġ għat-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil individwi barra mill-familja permezz ta' pariri legali u amministrattivi, inċentivi u perjodi ta' tranżizzjoni maħsuba biex jiżguraw it-trasferiment tal-għarfien u l-kontinwità tal-attività agrikola;

Or. ro

Emenda 439
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20d. Iħeġġeġ l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' informazzjoni mfassla biex jidentifikaw azjendi agrikoli disponibbli għat-trasferiment, sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt bejn bdiewa mingħajr suċċessur tal-familja u bdiewa żgħażagħ jew ġodda li jixtiequ jieħdu f'idejhom azjenda;

Or. ro

Emenda 440
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza r-rwol ***ewlieni li għandhom il-bdiewa*** żgħażagħ ***biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà*** ambjentali ***u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali***;	21. Jenfasizza r-rwol ***tal-bdiewa*** żgħażagħ ***fl-innovazzjoni; Madankollu jwissi kontra r-regolamentazzjoni*** ambjentali ***żejda li ħarġet mill-Patt Ekoloġiku li dgħajfet il-likwidità u l-vijabbiltà tal-operaturi ġodda***; ***Jitlob li tiddaħħal klawżola ta' "newtralità regolamentarja" li tipprojbixxi l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet agroekoloġiċi ġodda mingħajr kumpens finanzjarju sħiħ u immedjat;***

Or. fr

Emenda 441
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni ***u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali***;	21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni***, il-modernizzazzjoni tal-irrigazzjoni, is-sensuri intelliġenti, l-awtomatizzazzjoni u t-teknoloġiji diġitali li jippermettu li jiġi ffrankat l-ilma, li jitnaqqsu l-ispejjeż, li tittejjeb l-effiċjenza tal-inputs u li l-azjendi agrikoli jsiru aktar vijabbli***;

Or. es

Emenda 442
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali;	21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, ***inklużi l-prattiki agroekoloġiċi, l-agroforestrija, il-produzzjoni organika u l-ġestjoni integrata tal-pesti,*** u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali***, il-bijodiversità, is-saħħa tal-ħamrija, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u tal-ilma*** u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ tal-PAK għat-tiġdid ġenerazzjonali jkun marbut aħjar mal-investimenti f'sistemi tal-biedja sostenibbli;***

Or. en

Emenda 443
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali;	21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni***, tekniki ġodda tal-ġenomika, agrivoltajċi*** u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u ***l-kompetittività tal-Unjoni filwaqt li*** jikkontribwixxu ***wkoll*** għat-tranżizzjoni diġitali;

Or. ro

Emenda 444
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza ***r-rwol*** ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali;	21. Jenfasizza ***l-ħtieġa li tiġi promossa l-innovazzjoni fl-agrikoltura biex issir aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll ir-rwol*** ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġital;

Or. en

Emenda 445
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali;	21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ***soċjali, ekonomika u*** ambjentali***, irawmu sistemi tal-ikel reżiljenti*** u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali;

Or. en

Emenda 446
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali;	21. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-bdiewa żgħażagħ biex jixprunaw l-adozzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni innovattivi, il-biedja ta' preċiżjoni u prattiki sostenibbli, ***bħall-biedja bbażata fuq il-pjanti u l-biedja organika,*** u b'hekk isaħħu s-sostenibbiltà ambjentali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali;

Or. en

Emenda 447
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-innovazzjoni teknoloġika trid tkun akkumpanjata minn appoġġ konsultattiv prattiku u rekwiżiti regolatorji proporzjonati;

Or. en

Emenda 448
Jessika van Leeuwen, Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Bert-Jan Ruissen, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza li t-teknoloġiji diġitali, l-għodod tal-biedja ta' preċiżjoni, ir-robotika, l-intelliġenza artifiċjali u metodi ta' produzzjoni innovattivi oħra jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tal-agrikoltura u fl-istess ħin itejbu l-attraenza tal-agrikoltura għall-ġenerazzjonijiet iżgħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp, l-investiment, it-taħriġ u s-servizzi ta' konsulenza li jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' tali teknoloġiji minn bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 449
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-innovazzjoni agrikola trid tiġi adattata għall-kundizzjonijiet agronomiċi, klimatiċi u tas-suq lokali; jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għar-riċerka mmexxija mill-bdiewa, għall-azjendi agrikoli ta' dimostrazzjoni, għall-proġetti pilota, u għall-ittestjar fl-azjendi agrikoli, b'mod partikolari fil-ġejjer u fis-sistemi agrikoli fuq skala żgħira, sabiex il-bdiewa żgħażagħ ikunu jistgħu jittestjaw l-għelejjel, it-teknoloġiji, il-metodi ta' irrigazzjoni, u l-mudelli ta' produzzjoni adattati għar-realtajiet lokali tagħhom;

Or. en

Emenda 450
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-biedja organika u s-sistemi agroekoloġiċi jirrappreżentaw opportunitajiet sinifikanti għat-tiġdid ġenerazzjonali, minħabba li jirrikjedu ħafna ħaddiema, il-valur miżjud u l-kapaċità tagħhom li jirrispondu għad-domanda tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 451
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw b'mod espliċitu dawn il-mudelli fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 452
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jappella għal appoġġ strutturali aktar b'saħħtu għall-bdiewa żgħażagħ u għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ

rurali, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol tagħhom fil-bini tal-kapaċitajiet, l-iskambju tal-għarfien u t-tagħlim bejn il-pari, u r-rappreżentanza tal-bdiewa żgħażagħ fil-proċessi tat-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, reġjonali u lokali;

Or. en

Emenda 453
Christine Singer, Asger Christensen, Charles Goerens, Barry Cowen, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza li l-innovazzjoni trid tibqa' aċċessibbli u affordabbli għall-azjendi agrikoli ta' kull daqs, inklużi l-azjendi agrikoli tal-familja żgħar u ta' daqs medju, u għandha sservi biex ittejjeb il-profittabbiltà tal-azjendi agrikoli, tnaqqas il-volum ta' xogħol amministrattiv u ssaħħaħ ir-reżiljenza prattika fuq il-post;

Or. en

Emenda 454
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-innovazzjoni trid tibqa' aċċessibbli u affordabbli għat-tipi kollha ta' azjendi u produzzjoni;

Or. en

Emenda 455
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Iħeġġeġ li l-bdiewa żgħażagħ ikollhom rwol prominenti fi proġetti pilota appoġġjati mill-UE u li l-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-proġetti tiġi inċentivata;

Or. es

Emenda 456
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jinsisti fuq it-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet tal-farms u tal-forestrija, il-kooperattivi, l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u l-kumpaniji privati biex jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku;	22. Jinsisti fuq it-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet tal-farms u tal-forestrija, il-kooperattivi, l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u l-kumpaniji privati biex jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku; ***jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tas-Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), u tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP-AGRI) u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu b'mod partikolari l-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda kif ukoll tal-bdiewa nisa fl-attivitajiet tagħhom;***

Or. en

Emenda 457
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jinsisti fuq it-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet tal-farms u tal-forestrija, il-kooperattivi, l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u l-kumpaniji privati biex jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku;	22. Jinsisti fuq it-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet tal-farms u tal-forestrija, il-kooperattivi, l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u l-kumpaniji privati biex jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku; ***u jisħaq li l-appoġġ għall-kooperattivi u għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandu jkun kundizzjonali fuq governanza trasparenti, parteċipazzjoni inklużiva, u benefiċċji li jistgħu jitkejlu għall-produtturi żgħażagħ u fuq skala żgħira, inkluż aċċess aktar ġust għas-suq, kostijiet tal-input aktar baxxi, infrastruttura kondiviża, u setgħa ta' negozjar aktar b'saħħitha;***

Or. en

Emenda 458
Camilla Laureti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jinsisti fuq it-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet tal-farms u tal-forestrija, il-kooperattivi, l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u l-kumpaniji privati	22. Jinsisti fuq it-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet tal-farms u tal-forestrija, il-kooperattivi***, l-iskejjel, l-universitajiet***, l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-

biex jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku;	riċerka u l-kumpaniji privati biex jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku;

Or. it

Emenda 459
Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jinsisti fuq it-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet tal-farms u tal-forestrija, il-kooperattivi, l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u l-kumpaniji privati biex jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku;	22. Jinsisti fuq it-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet tal-farms u tal-forestrija, il-kooperattivi, l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka, ***in-networks*** u l-kumpaniji privati biex jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-progress teknoloġiku;

Or. en

Emenda 460
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jinsisti li l-bdiewa żgħażagħ jeħtiġilhom jiġu inċentivati jipparteċipaw f'networks ta' skambju tal-għarfien, u jiġu integrati aħjar fil-proġetti ta' Orizzont Ewropa;

Or. en

Emenda 461
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi ta' mentoraġġ speċifiċi għas-settur għall-bdiewa nisa żgħażagħ, li jiffukaw fuq l-iskambju prattiku, l-ippjanar tad-direzzjoni tan-negozju u s-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-istabbiliment ta' programm permanenti u kkoordinat ta' mentoraġġ u skambju fl-UE kollha għan-nisa fl-agrikoltura u l-intraprenditorija rurali; jissuġġerixxi li dan in-network għandu jinvolvi l-assoċjazzjonijiet eżistenti tan-nisa rurali, jippromovi l-iskambju interreġjonali u jkun appoġġjat mill-fondi tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew jew il-programm LEADER;

Or. en

Emenda 462
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jitlob li l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa u strumenti rilevanti oħra tal-Unjoni jinkludu linji ta' finanzjament speċifiċi u aċċessibbli għal proġetti relatati mal-ilma, ir-riċerka agrikola applikata, il-modernizzazzjoni tal-irrigazzjoni, il-

bijoekonomija, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni produttiva, filwaqt li jiżguraw li dawn il-fondi jaslu għand l-azjendi agrikoli u jikkontribwixxu direttament għall-profittabbiltà tagħhom;

Or. es

Emenda 463
Jessika van Leeuwen, Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Bert-Jan Ruissen, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet tal-bdiewa żgħażagħ fl-għoti ta' taħriġ, il-mentoraġġ, l-iżvilupp tat-tmexxija, l-iskambju tal-għarfien u r-rappreżentanza tal-interessi tal-bdiewa żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw appoġġ finanzjarju u istituzzjonali adegwat għal tali organizzazzjonijiet, inkluż permezz ta' miżuri ddedikati fl-ambitu tal-PAK u ta' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 464
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jappella għal appoġġ strutturali aktar b'saħħtu għall-organizzazzjonijiet tal-bdiewa żgħażagħ, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol tagħhom fil-bini tal-kapaċitajiet, l-iskambju tal-għarfien u t-

tagħlim bejn il-pari, u r-rappreżentanza tal-bdiewa żgħażagħ fil-proċessi tat-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, reġjonali u lokali;

Or. en

Emenda 465
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja ***l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu*** l-importanza ***strateġika tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji skolastiċi li jiġġeneraw interess fil-karrieri*** fil-biedja;	23. Jissottolinja l-importanza ***li jiġu promossi l-karrieri*** fil-biedja ***biex jiġu mħeġġa vokazzjonijiet ġodda; Jisħaq bis-saħħa, madankollu, dwar il-fatt li l-finanzjament tal-kampanji ta' komunikazzjoni, tal-programmi skolastiċi jew ta' skambji simboliċi qatt ma għandu jsir għad-detriment tal-għajnuna diretta; Jeżiġi għaldaqstant li l-prijorità assoluta tal-baġits Ewropej tkun iddedikata għal appoġġ finanzjarju immedjat u konkret (kapital tal-bidu, għajnuna għall-investiment u għajnuna għat-teħid lura fiżiku tal-azjendi), li huwa l-uniku mezz biex tiġi indirizzata l-urġenza vitali tal-vijabbiltà ekonomika tal-bdiewa żgħażagħ;***

Or. fr

Emenda 466
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja l-ħtieġa ***ta' kampanji li jippromwovu l-importanza*** strateġika tal-	23. Jissottolinja l-ħtieġa ***tar-rikonoxximent tal-importanza*** strateġika

produzzjoni tal-ikel tal-UE***; jistieden lill-Kummissjoni*** u ***lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji skolastiċi li jiġġeneraw interess fil-karrieri fil-biedja***;

tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE u ***l-ħtieġa li l-UE tagħti prijorità lis-sovranità u lill-awtonomija tal-ikel fl-UE***; ***jenfasizza l-impatti negattivi li l-ftehimiet kummerċjali kellhom fuq il-kapaċità tal-bdiewa li jiġġeneraw redditu vijabbli mill-azjendi tagħhom meta jkunu esposti għal kompetizzjoni inġusta minħabba l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ li għandha effett dirett fuq it-tiġdid ġenerazzjonali;***

Or. en

Emenda 467
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-ikel ***tal-UE***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji ***skolastiċi li jiġġeneraw*** interess fil-karrieri fil-biedja;	23. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-ikel ***tal-Unjoni Ewropea u r-rwol vitali li għandhom il-bdiewa fis-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel, tal-koeżjoni territorjali u tal-vitalità taż-żoni rurali***; ***jisħaq fuq l-importanza li jissaħħaħ l-istatus soċjoekonomiku tal-biedja billi jiġi rikonoxxut il-kontribut li tagħti lis-soċjetà u lill-awtonomija strateġika tal-UE***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji ***ta' sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fl-iskejjel, sabiex itejbu l-għarfien dwar is-settur agrikolu, jikkontestaw il-perċezzjonijiet negattivi assoċjati miegħu u jqajmu*** interess fil-karrieri fil-biedja ***u fil-qasam agroalimentari fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa***;

Or. pt

Emenda 468
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji skolastiċi li jiġġeneraw interess fil-karrieri fil-biedja;	23. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji skolastiċi li jiġġeneraw interess fil-karrieri fil-biedja***, kemm fiż-żoni rurali kif ukoll f'dawk urbani, filwaqt li jissensibilizzaw liż-żgħażagħ dwar ir-rwol essenzjali li għandhom il-bdiewa fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, fil-ġestjoni tar-riżorsi naturali, fiż-żamma ta' komunitajiet rurali vibranti u fil-kontribut għall-ekonomija u s-soċjetà usa'***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rikonoxximent pubbliku tas-settur agrikolu u tiġi promossa immaġni pożittiva tal-biedja sabiex tissaħħaħ l-attraenza tal-professjoni u jiġi appoġġjat it-tiġdid ġenerazzjonali madwar l-Unjoni;***

Or. en

Emenda 469
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji skolastiċi li jiġġeneraw interess fil-karrieri fil-biedja;	23. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE ***u l-valur soċjali, ekonomiku, kulturali u ambjentali tal-biedja***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji skolastiċi li jiġġeneraw interess fil-karrieri fil-biedja ***u jippromwovu djalogu aktar***

b'saħħtu bejn il-bdiewa żgħażagħ, l-iskejjel, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni vokazzjonali u ż-żgħażagħ f'żoni rurali u urbani;

Or. en

Emenda 470
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji skolastiċi li jiġġeneraw interess fil-karrieri fil-biedja;	23. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kampanji li jippromwovu l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiżguraw li l-programmi ta' studju fil-livelli kollha ta' edukazzjoni jippromwovu lis-settur tal-agrikoltura u ma jpoġġuhx f'dawl ikrah u*** jappoġġjaw kampanji skolastiċi li jiġġeneraw interess fil-karrieri fil-biedja;

Or. es

Emenda 471
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Marie Dauchy, Barbara Bonte, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jenfasizza li r-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku fl-agrikoltura, inklużi t-tnissil tal-pjanti, il-ġenetika tal-bhejjem, ir-robotika, il-biedja ta' preċiżjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, huma essenzjali kemm biex jiżdiedu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tas-settur kif ukoll biex il-biedja ssir aktar attraenti għall-

ġenerazzjonijiet iżgħar;

Or. en

Emenda 472
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Marie Dauchy, Barbara Bonte, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jenfasizza li l-innovazzjoni tista' ttejjeb ukoll l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-ġestjoni tal-ħin fl-azjendi agrikoli, filwaqt li tikkontribwixxi għal bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u kwalità tal-ħajja aħjar għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 473
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Marie Dauchy, Barbara Bonte, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jenfasizza li l-innovazzjoni tista' ttejjeb ukoll l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-ġestjoni tal-ħin fl-azjendi agrikoli, filwaqt li tikkontribwixxi għal bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u kwalità tal-ħajja aħjar għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 474
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jitlob li l-PAK futura tirrifletti aħjar ir-rwol tas-settur agroalimentari, inklużi l-ipproċessar, il-ħżin, il-loġistika u l-kummerċjalizzazzjoni, bħala element ewlieni fiż-żieda tal-valur miżjud tal-bdiewa, fit-tisħiħ tal-ekonomiji rurali u biex l-agrikoltura ssir aktar attraenti għaż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 475
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissospendi kwalunkwe obbligu ambjentali ġdid fil-qafas tal-PAK li jikkomprometti l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli u tal-bdiewa żgħażagħ;

Or. fr

Emenda 476
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Marie Dauchy, Barbara Bonte, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jisħaq li l-iżgurar ta' introjtu ġust u stabbli għall-bdiewa żgħażagħ huwa prekundizzjoni għal tiġdid ġenerazzjonali effettiv u għas-sostenibbiltà fit-tul tal-

agrikoltura tal-UE;

Or. en

Emenda 477
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu għall-monitoraġġ regolari tat-tiġdid ġenerazzjonali, li jinkludi:
	(a) rapport speċifiku għal kull Stat Membru kull ħames snin dwar l-istatus tat-tiġdid ġenerazzjonali
	(b) analiżi speċifika tal-perċezzjoni pubblika tal-agrikoltura u l-effettività tal-għodod ta' komunikazzjoni u edukazzjoni mmirati lejn iż-żgħażagħ, bil-għan li tittejjeb l-attraenza tas-settur bħala karriera professjonali

Or. es

Emenda 478
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Iwissi li l-bdiewa jiffaċċjaw sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, volatilità tas-suq, eventi klimatiċi, piżijiet amministrattivi u iżolament soċjali; jisħaq li t-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huwa essenzjali biex il-karrieri fl-agrikoltura jsiru aktar attraenti;	24. Iwissi li l-bdiewa jiffaċċjaw sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, volatilità tas-suq, eventi klimatiċi***, impatti negattivi fuq is-saħħa mentali minħabba proċessi industrijali fit-trobbija tal-annimali***, piżijiet amministrattivi u iżolament soċjali; jisħaq li t-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huwa essenzjali biex il-karrieri fl-

agrikoltura jsiru aktar attraenti;

Or. en

Emenda 479
Katarína Roth Neveĕalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Iwissi li l-bdiewa jiffaċċjaw sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, volatilità tas-suq, eventi klimatiċi, piżijiet amministrattivi u iżolament soċjali; jisħaq li t-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huwa essenzjali biex il-karrieri fl-agrikoltura jsiru aktar attraenti;	24. Iwissi li l-bdiewa jiffaċċjaw sigħat twal ta' xogħol***, spiss mingħajr opportunità suffiċjenti biex jieħdu btala jew liv***, nuqqas ta' sigurtà finanzjarja, volatilità tas-suq, eventi klimatiċi, piżijiet amministrattivi u iżolament soċjali; jisħaq li t-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huwa essenzjali biex il-karrieri fl-agrikoltura jsiru aktar attraenti;

Or. en

Emenda 480
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jitlob l-implimentazzjoni komprensiva u l-promozzjoni tad-dritt li wieħed jibqa' f'żoni rurali permezz ta' politiki pubbliċi effettivi li jgħinu lill-bdiewa, u lill-bdiewa żgħażagħ b'mod partikolari, jgħixu, jaħdmu, iwaqqfu negozju u jibdew familja fiż-żoni li trabbew fihom; iqis li n-nies jistgħu jeżerċitaw b'mod ġenwin il-libertà tagħhom li jibqgħu f'komunità rurali biss jekk ikollhom l-opportunitajiet ekonomiċi t-tajbin, introjti deċenti, akkomodazzjoni bi prezz raġonevoli, kura tas-saħħa ta'

kwalità tajba, edukazzjoni, trasport, servizzi pubbliċi u konnettività diġitali; iwissi li n-nuqqas ta' tali utilitajiet qed iħaffef id-depopolazzjoni, l-eżodu taż-żgħażagħ u t-tixjiħ demografiku; jirrakkomanda, għalhekk, approċċ integrat għall-iżvilupp rurali li jagħmel iż-żoni rurali aktar attraenti u kompetittivi u jsaħħaħ il-koeżjoni territorjali tagħhom sabiex tkun għażla vijabbli li wieħed jibqa' fiż-żoni rurali, u mhux restrizzjoni;

Or. pt

Emenda 481
Jessika van Leeuwen, Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Bert-Jan Ruissen, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jirrikonoxxi li l-possibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ li jistabbilixxu familja u jikkombinaw ir-responsabbiltajiet professjonali u tal-familja hija prekundizzjoni importanti għat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura; jisħaq li ż-żgħażagħ jagħżlu futur fil-biedja biss jekk ikunu kapaċi jibnu għajxien stabbli u jrabbu familja fil-komunitajiet rurali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu d-dimensjoni tal-familja meta jfasslu l-politiki rurali, agrikoli u soċjali inkluż billi jippromwovu komunitajiet rurali adattati għall-familji, b'aċċess għall-kura tas-saħħa, għal servizzi tal-indukrar tat-tfal, akkomodazzjoni adegwata, edukazzjoni, konnettività diġitali, servizzi ta' bejgħ bl-imnut u servizzi essenzjali oħra, u b'hekk isaħħu l-attraenza taż-żoni rurali għall-bdiewa żgħażagħ u l-ġenerazzjonijiet futuri;

Or. en

Emenda 482
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jisħaq li jeżistu inizjattivi fil-livell nazzjonali biex il-bdiewa jiġu pprovduti jiem ta' sostituzzjoni fl-azjenda agrikola tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jappoġġjaw dawn l-inizjattivi, u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' tali servizzi ta' sostituzzjoni fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 483
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jinnota li n-nuqqas persistenti ta' ħaddiema fl-agrikoltura jpoġġi pressjoni addizzjonali fuq il-bdiewa żgħażagħ u s-suċċessuri tal-azjendi agrikoli; jitlob miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-attraenza tal-impjiegi agrikoli;

Or. en

Emenda 484
Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Bert-Jan Ruissen, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jenfasizza n-nuqqas dejjem jikber u t-tixjiħ tal-veterinarji tal-bhejjem, kemm veterinarji privati tal-bhejjem kif ukoll veterinarji uffiċjali, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, bħala theddida sinifikanti għall-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-annimali, is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza fit-tul tas-settur tal-bhejjem;

Or. en

Emenda 485
Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Bert-Jan Ruissen, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex sal-31 ta' Novembru 2027 tippreżenta pjan direzzjonali Ewropew dwar it-tiġdid ġenerazzjonali fil-prattika veterinarja rurali, inkluża valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol, gwida għall-Istati Membri u l-iskambju tal-aħjar prattiki; jisħaq li l-pjan direzzjonali għandu jinkludi miżuri li jinkoraġġixxu r-reklutaġġ u ż-żamma ta' veterinarji tal-bhejjem, inkluż appoġġ għal studenti minn sfondi rurali u tal-biedja, borża ta' studju u skemi ta' għotjiet marbuta mal-prattika f'reġjuni li mhumiex moqdija biżżejjed, esponiment prattiku bikri u intensiv għat-trobbija tal-bhejjem matul l-istudji veterinarji, u kollokamenti u internships reġjonali; jissottolinja li rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-iskejjel veterinarji, l-azjendi agrikoli u l-komunitajiet rurali huma essenzjali biex tittejjeb l-attraenza tal-prattika veterinarja

tal-bhejjem u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fit-tul fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 486
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' "Verifika għall-Bdiewa Żgħażagħ" ispirat mill-prinċipju ta' verifika rurali, li permezz tiegħu jiġu vvalutati l-inizjattivi u l-politiki leġiżlattivi rilevanti kollha tal-Unjoni f'termini tal-impatt tagħhom fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura u l-opportunitajiet maħluqa għall-bdiewa żgħażagħ, sabiex jiġi żgurat li ma jinħolqux ostakli addizzjonali għall-aċċess tagħhom għas-settur agrikolu;

Or. ro

Emenda 487
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi task force Ewropea, bħal "Task Force dwar il-Bdiewa Żgħażagħ u s-Simplifikazzjoni Amministrattiva", f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-bdiewa, sabiex tidentifika l-pożijiet amministrattivi sproporzjonati li jaffettwaw lill-bdiewa żgħażagħ,

tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki u tagħmel rakkomandazzjonijiet għas-simplifikazzjoni, filwaqt li tirrispetta bis-shiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Or. ro

Emenda 488
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jiddependi fuq l-eżistenza ta' qafas ekonomiku u regolatorju favorevoli; jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora l-objettiv tal-kompetittività għall-bdiewa żgħażagħ fl-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni u tiżgura li dawn il-politiki jgħinu joħolqu ambjent li jistimula l-investiment, l-innovazzjoni, il-ħolqien ta' valur miżjud, u l-iżvilupp sostenibbli ta' azjendi agrikoli mmexxija minn bdiewa żgħażagħ;

Or. ro

Emenda 489
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24d. Iħeġġeġ il-ħolqien ta' programmi Ewropej iddedikati għall-iskambju tal-esperjenza bejn il-bdiewa (żgħażagħ), sabiex jiġu ffaċilitati l-esponiment għal mudelli agrikoli differenti u t-trasferiment ta' soluzzjonijiet fir-rigward tal-innovazzjoni, is-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni u l-ġestjoni fis-settur

agrikolu;

Or. ro

Emenda 490
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu u jsaħħu s-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jkopru l-mard, il-liv annwali u tal-ġenituri u ***l-parteċipazzjoni*** fit-taħriġ;	25. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu u jsaħħu s-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jkopru l-mard***, l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol,*** il-liv annwali u tal-ġenituri***, l-appoġġ għat-tfal u l-kura għall-qraba dipendenti, il-maternità*** u ***l-paternità, il-parteċipazzjoni*** fit-taħriġ***, il-programmi ta' żvilupp tal-ħiliet, l-attivitajiet minn korpi rappreżentattivi u l-inizjattivi ta' kondiviżjoni tal-għarfien***; ***jisħaq li servizzi ta' dan it-tip huma essenzjali biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa, jippromwovu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inaqqsu r-riskju ta' iżolament u eżawriment, itejbu s-saħħa u l-benesseri fiż-żoni rurali u jagħmlu l-biedja aktar attraenti għal ġenerazzjonijiet ġodda, mhux l-inqas għall-bdiewa żgħażagħ u għan-nisa;***

Or. pt

Emenda 491
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Istati Membri	25. Jistieden lill-Istati Membri

jintroduċu u jsaħħu s-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jkopru l-mard, il-liv annwali u tal-ġenituri u l-parteċipazzjoni fit-taħriġ;	jintroduċu u jsaħħu s-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jkopru l-mard, il-liv annwali u tal-ġenituri u l-parteċipazzjoni fit-taħriġ ***kif ukoll jistabbilixxu u jappoġġjaw assoċjazzjonijiet u networks li jipprovdu appoġġ psikoloġiku lill-bdiewa f'diffikultà***;

Or. en

Emenda 492
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu u jsaħħu s-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jkopru l-mard, il-liv annwali u tal-ġenituri u l-parteċipazzjoni fit-taħriġ;	25. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu u jsaħħu s-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jkopru l-mard, il-liv annwali u tal-ġenituri u l-parteċipazzjoni fit-taħriġ ***u l-iskambji tal-mobbiltà***;

Or. en

Emenda 493
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Paulo do Nascimento Cabral, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jissottolinja li s-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli huma fattur importanti biex il-biedja ssir professjoni aktar attraenti għall-ġenerazzjonijiet iżgħar, filwaqt li jiffaċilitaw rikonċiljazzjoni aħjar tar-responsabbiltajiet professjonali u tal-familja, it-trasferiment tal-għarfien, it-

taħriġ u l-ippjanar tas-suċċessjoni;

Or. en

Emenda 494
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Paulo do Nascimento Cabral, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu servizzi ta' għajnuna interġenerazzjonali għall-azjendi agrikoli permezz tal-integrazzjoni tal-istudenti billi jintużaw internships u kollokamenti prattiċi;

Or. en

Emenda 495
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jisħaq li l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti u servizzi ta' sostituzzjoni huwa essenzjali biex il-biedja ssir professjoni vijabbli u attraenti għaż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ;

Or. en

Emenda 496
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jinnota li s-servizzi ta' għajnuna eżistenti għall-azjendi agrikoli la għandhom finanzjament u lanqas persunal adegwati; jistieden lill-Istati Membri jfasslu servizzi ta' għajnuna sabiex jirrikonoxxu l-għajnuna reċiproka u n-netwerks tal-ġirien;

Or. en

Emenda 497
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu skemi ta' appoġġ speċifiċi għall-bdiewa żgħażagħ li jsiru ġenituri, inkluż permezz tal-ħolqien ta' strumenti ddedikati, bħall-fondi għall-indukrar tat-tfal, maħsuba biex jipprovdu appoġġ finanzjarju mmirat fl-ewwel snin wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tarbija; jissottolinja li dawn il-miżuri għandhom jikkomplementaw, u mhux jissostitwixxu, l-arranġamenti eżistenti jew futuri tal-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jgħinu biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-biedja, jappoġġjaw lill-familji żgħażagħ biex ilaħħqu ma' spejjeż addizzjonali u jsaħħu l-attraenza tal-biedja bħala karriera fit-tul u għażla tal-familja; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimmobilizzaw u jikkoordinaw l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti kollha tal-Unjoni, inklużi l-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-programmi ta' appoġġ soċjali, sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' dawn

il-miżuri u jsaħħu r-reżiljenza demografika taż-żoni rurali;

Or. it

Emenda 498
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jenfasizza li n-nuqqas ta' servizzi li jgħinu biex jintlaħaq bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kif ukoll ta' dawk ta' sostituzzjoni u appoġġ għall-familja f'żoni rurali jaffettwa b'mod partikolari lin-nisa żgħażagħ u jista' jillimita d-dħul jew il-permanenza tagħhom fil-biedja; jitlob lill-Istati Membri jsaħħu s-servizzi ta' sostituzzjoni, kura tat-tfal, appoġġ għall-maternità, u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata f'żoni rurali, billi jorbtuhom ma' strateġiji nazzjonali għat-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. es

Emenda 499
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jitlob lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom jinkludu azzjonijiet konkreti fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għat-tiġdid ġenerazzjonali biex jappoġġjaw l-investiment f'teknoloġiji diġitali, bil-għan li jittejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-effiċjenza operazzjonali, il-

ġestjoni sostenibbli tal-art u l-istrateġiji għall-prevenzjoni tan-nirien.

Or. es

Emenda 500
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri ***speċifiċi għas-settur***;	26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri ***ta' prevenzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, aċċess imtejjeb għas-servizzi ta' appoġġ fiż-żoni rurali, taħriġ għall-konsulenti u l-varar usa' ta' għodod prattiċi eżistenti żviluppati għas-saħħa u l-benesseri mentali tal-bdiewa***;

Or. en

Emenda 501
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri speċifiċi għas-settur;	26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri speċifiċi għas-settur ***u servizzi ta' konsulenza aċċessibbli***;

Or. ro

Emenda 502
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden ***lill-Kummissjoni tiżviluppa*** pjan ta' azzjoni ***tal-UE*** dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri speċifiċi għas-settur;	26. Jistieden ***lill-Istati Membri biex jiżviluppaw*** pjan ta' azzjoni dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri speċifiċi għas-settur;

Or. fr

Emenda 503
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri speċifiċi għas-settur;	26. ***Jisħaq li s-salvagwardja tas-saħħa mentali tal-bdiewa hija prerekwiżit biex is-settur agrikolu jinżamm attraenti u reżiljenti u biex iż-żgħażagħ jiġu mħeġġa jidħlu u jibqgħu fil-biedja;*** jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri speċifiċi għas-settur**, *miżuri ta' prevenzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, aċċess imtejjeb għas-servizzi ta' appoġġ fiż-żoni rurali, taħriġ għall-konsulenti u l-varar usa' ta' għodod prattiċi eżistenti żviluppati għas-saħħa u l-benesseri mentali tal-bdiewa***; ***jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li s-servizzi ta' appoġġ għas-saħħa mentali jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-bdiewa kollha, inklużi l-irġiel u n-nisa ta' etajiet u sfondi differenti, filwaqt li jitqiesu l-pressjonijiet partikolari assoċjati mal-ġestjoni tal-azjendi agrikoli, l-iżolament, ir-responsabbiltajiet tal-familja u l-**

ippjanar tas-suċċessjoni;

Or. en

Emenda 504
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri speċifiċi għas-settur;	26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE dwar is-saħħa mentali għall-agrikoltura, inklużi miżuri speċifiċi għas-settur; ***jisħaq li dan il-pjan għandu jkun akkumpanjat minn politiki msaħħa li jindirizzaw is-saħħa fiżika tal-bdiewa, inklużi l-prevenzjoni tal-mard okkupazzjonali u l-istandards tas-sikurezza, peress li l-agrikoltura tibqa' wieħed mill-aktar setturi perikolużi fl-UE, u r-riskji psikosoċjali, inklużi l-istress u l-iżolament, qed jiġu ddokumentati dejjem aktar; jitlob li dawn id-dimensjonijiet tas-saħħa jiġu integrati bis-sħiħ fl-istrateġiji ta' tiġdid ġenerazzjonali;***

Or. en

Emenda 505
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Stefan Köhler, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jirrimarka n-nuqqas ta' għarfien dwar is-saħħa mentali tal-bdiewa; jitlob li l-programmi ta' ħidma futuri ta' Orizzont Ewropa jinkludu riċerka dwar is-saħħa mentali tal-bdiewa li tindirizza l-lakuni identifikati fid-data, inklużi studji speċifiċi

għall-ġeneru, varjazzjonijiet reġjonali, u evalwazzjonijiet tal-effettività tal-interventi; jitlob ukoll li jiġi stabbilit network ta' riċerka Ewropew dwar is-saħħa mentali tal-bdiewa biex jiġu ffaċilitati l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-approċċi ta' riċerka kollaborattiva;

Or. en

Emenda 506
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li ***t-tiġdid*** ġenerazzjonali ***jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, kif ukoll*** aċċess ***aħjar*** għall-art, għall-finanzi u ***għall-opportunitajiet*** ta' suċċessjoni, ***programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet***;	27. Jisħaq li ***l-aċċess għal opportunitajiet agrikoli għaż-żgħażagħ kollha għandu jkun ibbażat fuq kriterji ta' abbiltà, taħriġ, u impenn professjonali; jindika li l-politiki ta' tiġdid*** ġenerazzjonali ***għandhom jiggarantixxu*** aċċess ***ugwali*** għall-art, għall-finanzi, u ***l-mekkaniżmi*** ta' suċċessjoni ***għall-bdiewa żgħażagħ kollha, mingħajr ma jiġu stabbiliti kwoti jew kriterji diskriminatorji li jiżvijaw l-attenzjoni mis-sostenibbiltà ekonomika tas-settur***;

Or. es

Emenda 507
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal	27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal

appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, ***kif ukoll*** aċċess ***aħjar*** għall-art, ***għall-finanzi u għall-opportunitajiet*** ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza ***aktar b'saħħitha*** fl-organizzazzjonijiet ***agrikoli*** u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, aċċess ***imtejjeb*** għall-art, ***finanzjament, opportunitajiet*** ta' suċċessjoni ***u assi produttivi, appoġġ għal skemi ta' sjieda konġunta u koproprjetà*****,** programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa***, arranġamenti ta' kura flessibbli*** u rappreżentanza ***akbar fil-kooperattivi, fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi,*** fl-organizzazzjonijiet ***tal-bdiewa*** u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet; ***jisħaq li tali servizzi għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament, isaħħu l-ħiliet tan-negozju u n-networks professjonali, u jipprovdu formati ta' taħriġ flessibbli u inklużivi li jqisu r-responsabbiltajiet ta' indukrar tan-nisa, u b'hekk jappoġġjaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-agrikoltura u jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali fiż-żoni rurali;***
	Or. en

Emenda 508
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti ***bejn il-ġeneri*** fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, ***kif ukoll*** aċċess ***aħjar*** għall-art, għall-finanzi ***u għall-opportunitajiet ta'*** suċċessjoni, ***programmi*** ta' konsulenza u ***ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha*** fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti ***li jolqtu lin-nisa*** fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, ***b'mod partikolari*** aċċess għall-art, għall-finanzi***, għas-sjieda tal-azjendi, is-suċċessjoni***, ***it-taħriġ tekniku, id-diġitalizzazzjoni, is-servizzi*** ta' konsulenza u ***l-parteċipazzjoni f'kooperattivi, f'għaqdiet tal-produtturi,*** fl-organizzazzjonijiet agrikoli ***professjonali u*** fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. es

Emenda 509
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, kif ukoll aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura ***permezz ta' approċċ ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-miżuri rilevanti kollha***; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, kif ukoll aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi***, għat-taħriġ, għas-servizzi ta' konsulenza*** u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa***, appoġġ speċifiku għall-intraprenditorija*** u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 510
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li ***t-tiġdid*** ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, ***kif ukoll*** aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u	27. Jisħaq li ***l-analiżijiet u l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri għat-tiġdid*** ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-

għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

parteċipanti ġodda, aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet; ***jinnota l-importanza li jiġi żgurat liv tal-maternità xieraq għan-nisa responsabbli mill-azjendi agrikoli;***

Or. en

Emenda 511
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, kif ukoll aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza ***aktar b'saħħitha*** fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, kif ukoll aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa***, ir-rikonoxximent sħiħ tal-istatus professjonali tal-konjuġi u tas-sħab, l-iżvilupp ta' forom korporattivi li jippromwovu l-ugwaljanza***, u rappreżentanza ***bbilanċjata*** fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 512
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, kif ukoll aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri***, l-oriġini u inugwaljanzi strutturali oħra fl-agrikoltura;*** inugwaljanzi fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, kif ukoll aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 513
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, ***kif ukoll*** aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid jindirizza wkoll l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fl-agrikoltura; jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa nisa żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda, aċċess aħjar għall-art, għall-finanzi u għall-opportunitajiet ta' suċċessjoni, programmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ iffukati fuq in-nisa u rappreżentanza aktar b'saħħitha fl-organizzazzjonijiet agrikoli u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 514
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu r-rikonoxximent legali, soċjali u ekonomiku tan-nisa li jaħdmu fl-agrikoltura, b'mod partikolari billi jtejbu l-protezzjoni soċjali tagħhom, jinkoraġġixxu s-sjieda, is-sjieda konġunta u status legali ċar fl-azjendi, u jipprovdu servizzi ta' konsulenza mmirati;

Or. en

Emenda 515
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jirrimarka li l-kontribut tan-nisa żgħażagħ għall-ekonomiji rurali għadu mhux rikonoxxut u mkejjel biżżejjed, peress li sehem sinifikanti ta' xogħolhom mhuwiex irreġistrat b'mod adegwat fl-istatistika uffiċjali;

Or. en

Emenda 516
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jinnota li n-nisa jiżvolġu rwol ewlieni biex jixprunaw l-innovazzjoni, is-

sostenibbiltà u d-diversifikazzjoni fl-agrikoltura permezz ta' attivitajiet bħall-biedja organika, il-kummerċjalizzazzjoni diretta, il-ktajjen tal-provvista qosra, l-agrituriżmu u l-artiġjanat, filwaqt li jintroduċu mudelli ta' negozju aktar diversifikati;

Or. en

Emenda 517
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ir-rikonoxximent xieraq tax-xogħol u l-istatus legali tan-nisa fl-agrikoltura, u jappoġġjaw diversi mudelli ta' biedja, azjendi agrikoli mmexxija min-nisa u intrapriżi rurali;

Or. en

Emenda 518
Christine Singer, Asger Christensen, Charles Goerens, Barry Cowen, Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu r-rikonoxximent legali, soċjali u ekonomiku tan-nisa li jaħdmu fl-agrikoltura, inkluż billi jtejbu l-protezzjoni soċjali tagħhom, jippromwovu s-sjieda, is-sjieda konġunta u status legali ċar fl-azjendi agrikoli, u jipprovdu servizzi

ta' konsulenza mmirati;

Or. en

Emenda 519
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jisħaq li d-dritt li wieħed jibqa' fiż-żoni rurali jista' jkun sinifikattiv biss jekk jiġi operazzjonalizzat permezz ta' impenji vinkolanti fil-QFP 2028-2034 li jmiss, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PSNR) jinkludu miri u indikaturi ta' nfiq rurali li jistgħu jitkejlu fil-fondi kollha b'ġestjoni kondiviża, sabiex l-investiment fiż-żoni rurali ma jitħalliex f'idejn il-PAK biss;

Or. en

Emenda 520
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura bħala komponent ewlieni tal-komunikazzjoni li jmiss tagħha dwar id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju, filwaqt li tirrikonoxxi li mingħajr fondi transsettorjali li jappoġġjaw il-

kundizzjonijiet tal-għajxien, l-opportunitajiet u s-servizzi komparabbli ma' dawk disponibbli bnadi oħra fl-Unjoni, hemm riskju li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju jibqa' dikjarazzjoni politika oħra mingħajr ebda impatt fuq ir-realtà taż-żgħażagħ u l-familji li jikkunsidraw futur fl-agrikoltura;

Or. en

Emenda 521
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu n-networks tat-tagħlim u s-sistemi ta' appoġġ bejn il-pari għan-nisa fiż-żoni rurali permezz ta' taħriġ immirat, skemi ta' mentoraġġ, żvilupp tal-ħiliet diġitali u investiment fi spazji ta' networking fiżiċi u diġitali; jisħaq li tali miżuri jistgħu jtejbu l-aċċess tan-nisa għall-għarfien, l-opportunitajiet ta' tmexxija u l-appoġġ professjonali, inaqqsu l-iżolament, u jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 522
Emma Wiesner, Asger Christensen, Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru u jippubblikaw

b'mod sistematiku data diżaggregata skont il-ġeneru dwar is-sjieda tal-art, il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli, l-aċċess għall-finanzi u l-parteċipazzjoni fi skemi ta' appoġġ, sabiex jiġu identifikati lakuni persistenti u tiġi mmonitorjata l-effettività ta' miżuri mmirati;

Or. en

Emenda 523
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tal-maternità u l-arranġamenti tal-liv għan-nisa fl-agrikoltura u jtejbu l-aċċess għall-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal u tal-kura tat-tfal fiż-żoni rurali u fir-reġjuni li jmissu mal-komunitajiet tal-biedja;

Or. en

Emenda 524
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għal gruppi ta' diskussjoni dwar l-agrikoltura ffukati fuq in-nisa, networks konsultattivi u inizjattivi ta' tagħlim bejn il-pari;

Or. en

Emenda 525
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu azzjonijiet konkreti fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tiġdid ġenerazzjonali ***li jippromwovu*** r-rwol tan-nisa fl-agrikoltura u l-intraprenditorija rurali;	28. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu azzjonijiet konkreti ***u li jistgħu jitkejlu*** fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tiġdid ġenerazzjonali ***biex jippromwovu*** r-rwol tan-nisa fl-agrikoltura u l-intraprenditorija rurali***, inklużi miżuri ta' sjieda kondiviża, inċentivi biex jiġu attirati bdiewa nisa żgħażagħ, appoġġ għall-maternità u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, servizzi ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli, taħriġ fin-negozju u parteċipazzjoni effettiva fi strutturi kooperattivi u rappreżentattivi***;

Or. es

Emenda 526
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu azzjonijiet konkreti fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tiġdid ġenerazzjonali li jippromwovu r-rwol tan-nisa fl-agrikoltura u l-intraprenditorija rurali;	28. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu azzjonijiet konkreti fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tiġdid ġenerazzjonali li jippromwovu r-rwol tan-nisa fl-agrikoltura u l-intraprenditorija rurali***, inklużi miri li jistgħu jitkejlu, data diżaggregata skont il-ġeneru, monitoraġġ iddedikat u miżuri li jindirizzaw l-ostakli speċifiċi li jiffaċċjaw in-nisa fl-aċċess għall-art, il-kreditu, it-taħriġ, is-servizzi ta' konsulenza, is-suċċessjoni u r-rappreżentanza***;

Or. en

Emenda 527
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu azzjonijiet konkreti fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tiġdid ġenerazzjonali li jippromwovu r-rwol tan-nisa fl-agrikoltura u l-intraprenditorija rurali;	28. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu azzjonijiet konkreti fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tiġdid ġenerazzjonali li jippromwovu r-rwol tan-nisa fl-agrikoltura u l-intraprenditorija rurali; ***u jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;***

Or. ro

Emenda 528
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw forom ġodda ta' installazzjoni kollettiva, bħal strutturi korporattivi speċifiċi u installazzjonijiet konġunti; jisħaq li dawn il-mudelli kollettivi jikkontribwixxu għall-attraenza tal-professjoni tal-biedja u jgħinu biex jintlaħqu aspettattivi ġodda, inkluż fir-rigward tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jenfasizza wkoll li dawn il-forom ta' installazzjoni jippermettu investiment kollettiv, b'mod partikolari għax-xiri ta' tagħmir agrikolu;

Or. en

Emenda 529
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jinsisti li l-politiki ta' ugwaljanza fis-settur agrikolu għandhom jissarrfu f'miżuri utli u applikabbli fil-prattika, filwaqt li jiġu evitati piżijiet burokratiċi ġodda għall-azjendi tal-familja; jisħaq li l-appoġġ lill-bdiewa nisa żgħażagħ ifisser li jkunu jistgħu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-biedja, jimmaniġġjaw azjendi li jħallu l-qligħ, jinvestu, jinnovaw, u jibqgħu f'żoni rurali b'opportunitajiet tassew ugwali;

Or. es

Emenda 530
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tan-nisa fi programmi ta' appoġġ tal-PAK immirati lejn bdiewa żgħażagħ u dawk li jidħlu fil-biedja għall-ewwel darba, u biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa miżżewġin jew membri oħra tal-familja fil-ġestjoni konġunta tal-azjendi agrikoli

Or. es

Emenda 531
Maria Walsh, Wouter Beke, Stefan Köhler, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu indikaturi diżaggregati skont il-ġeneru fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tiġdid ġenerazzjonali, inkluż l-aċċess għall-art, il-kreditu u l-appoġġ għall-investiment, l-introjtu agrikolu medju skont il-ġeneru, ir-rappreżentanza fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u d-daqs ekonomiku tal-azjendi ġestiti min-nisa;

Or. en

Emenda 532
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u ***l-infrastruttura*** diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ ***u l-familji żgħażagħ*** jiġu attirati ***lejn iż-żoni*** rurali;	29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi***, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-trasport u l-mobbiltà ta' kwalità u affordabbli*** u ***għall-infrastruttura*** diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ jiġu attirati ***u jinżammu fiż-żoni*** rurali; ***jissottolinja li t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura jiddependi wkoll mid-disponibbiltà ta' servizzi professjonali essenzjali li jappoġġjaw l-attivitajiet tal-biedja, inklużi veterinarji, konsulenti, kontabilisti, istituzzjonijiet finanzjarji, kuntratturi agrikoli u servizzi ta' tiswija;***

Or. en

Emenda 533
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u ***l-infrastruttura*** diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ ***u l-familji żgħażagħ*** jiġu attirati ***lejn iż-żoni*** rurali;	29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi***, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-trasport u l-mobbiltà ta' kwalità, affordabbli u fil-qrib*** u ***għall-infrastruttura*** diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ jiġu attirati ***u jinżammu fiż-żoni*** rurali;

Or. en

Emenda 534
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni rurali;	29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi***, l-akkomodazzjoni affordabbli, l-opportunitajiet ta' impjieg, is-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-infrastruttura tat-trasport*** u l-infrastruttura diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 535
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-	29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-

servizzi pubbliċi u l-infrastruttura ***diġitali*** huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni rurali;

servizzi pubbliċi u l-infrastruttura ***moderna*** huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni rurali; ***jenfasizza r-rwol li l-gvernijiet lokali u reġjonali għandhom fl-avvanz tal-iżvilupp rurali u jappella għall-inklużjoni tagħhom fl-azzjonijiet u l-politiki kollha ta' tiġdid ġenerazzjonali;***

Or. en

Emenda 536
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi ***u*** l-infrastruttura diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni rurali;	29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi***, l-akkomodazzjoni affordabbli, l-indukrar tat-tfal, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, it-trasport,*** l-infrastruttura ***tal-enerġija u l-konnettività*** diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 537
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni	29. Jenfasizza l-fatt li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura diġitali huwa prekundizzjoni biex iż-żgħażagħ u l-familji żgħażagħ jiġu attirati lejn iż-żoni rurali; ***jissottolinja, għal dak l-għan, il-***

rurali;	***ħtieġa essenzjali li jingħata, kif ukoll li jiġi ffaċilitat, aċċess għall-kura tas-saħħa, il-kura tal-anzjani, l-indukrar tat-tfal, is-soluzzjonijiet innovattivi għall-mobbiltà, is-servizzi tat-trasport u ta' kollegament, is-servizzi tal-ilma, is-servizzi tal-edukazzjoni, l-infrastruttura diġitali, u servizzi bażiċi oħra bħas-servizzi postali u bankarji; jinnota b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żviluppat b'mod urġenti aċċess f'żoni rurali għal għodod ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà, għal servizzi tas-saħħa mentali u għal kura tas-saħħa għan-nisa; jirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm skejjel lokali fiż-żoni rurali; jissottolinja l-importanza li l-popolazzjonijiet lokali jiġu kkonsultati fid-deċiżjonijiet dwar is-servizzi pubbliċi;***

Or. en

Emenda 538
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jappella għal żieda fil-finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni, filwaqt li tingħata prijorità lil programmi bħal LEADER u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) biex jiġu ffinanzjati l-infrastruttura u s-servizzi li jiżguraw opportunitajiet indaqs fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 539
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jinkiseb permezz tal-PAK biss u jirrikjedi koordinazzjoni aktar b'saħħitha mal-politika ta' koeżjoni u politiki oħra tal-Unjoni li jaffettwaw ir-reġjuni rurali, remoti, insulari, muntanjużi u ultraperiferiċi;

Or. en

Emenda 540
Christine Singer, Emma Wiesner, Asger Christensen, Charles Goerens, Barry Cowen, Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jisħaq, f'dan il-kuntest, li t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura jiddependi wkoll minn żoni rurali adattati għall-familji; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-aċċess għall-kura tat-tfal, l-iskejjel, il-kura tas-saħħa, il-mobbiltà u l-broadband fir-reġjuni rurali, peress li dawn is-servizzi huma deċiżivi għall-bdiewa żgħażagħ u l-familji tagħhom meta jiddeċiedu jekk għandhomx jieħdu f'idejhom jew jistabbilixxu azjenda agrikola;

Or. en

Emenda 541
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jisħaq li d-disponibbiltà ta' servizzi soċjali ta' kwalità għolja, bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, it-trasport u l-akkomodazzjoni, hija prekundizzjoni fundamentali għall-iżvilupp taż-żoni rurali u biex iż-żgħażagħ jiġu attirati lejhom;

Or. en

Emenda 542
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jisħaq li l-aċċess għall-ilma u għall-infrastruttura moderna tal-ilma huwa kundizzjoni bażika biex tinżamm l-attività agrikola, jiġu attirati bdiewa żgħażagħ u tiġi żgurata l-vijabbiltà taż-żoni rurali, speċjalment f'reġjuni milquta minn nixfiet rikorrenti, stress tal-ilma jew limitazzjonijiet naturali;

Or. es

Emenda 543
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Emma Wiesner, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jissottolinja li t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura jiddependi wkoll mid-disponibbiltà ta' servizzi professjonali essenzjali li jappoġġjaw l-

attivitajiet tal-biedja, inklużi veterinarji, konsulenti, kontabilisti, istituzzjonijiet finanzjarji, kuntratturi agrikoli, ktajjen tal-ipproċessar u servizzi ta' tiswija;

Or. en

Emenda 544
Katarína Roth Neveĕalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jenfasizza li ħafna reġjuni rurali u remoti tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant jiffaċċjaw depopolazzjoni persistenti u emigrazzjoni taż-żgħażagħ; jisħaq li ż-żamma tal-iskejjel, tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, tat-trasport pubbliku u tal-konnettività diġitali hija essenzjali għat-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 545
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw kunċetti ġodda ta' akkomodazzjoni interġenerazzjonali għaż-żoni rurali li jikkombinaw l-akkomodazzjoni, il-kura u l-ħajja komunitarja għall-familji żgħażagħ u għall-anzjani u jipprovdu impulsi ġodda għall-iżvilupp rurali;

Or. en

Emenda 546
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. ***Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni*** tal-ekonomiji rurali***, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu*** opportunitajiet ta' ***introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali***;	30. ***Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiddedikaw in-nefqa fl-iżvilupp rurali għal proġetti li jtejbu d-diversifikazzjoni*** tal-ekonomiji rurali ***u joħolqu*** opportunitajiet ***ġodda ta' impjieg għaż-żgħażagħ f'setturi bħall-bijoekonomija, l-ekoturiżmu u l-agroturiżmu, il-produzzjoni artiġjanali tal-ikel u x-xorb, il-bejgħ dirett, in-negozji artiġjanali, is-servizzi tal-kura tat-tfal u tal-anzjani, is-servizzi edukattivi u l-faċilitajiet sportivi u ta' divertiment***;

Or. es

Emenda 547
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż ***permezz tal-bijoekonomija***, l-agroturiżmu ***u*** l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u ***tissaħħaħ ir-reżiljenza*** rurali;	30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali ***u s-sorsi ta' introjtu disponibbli għall-bdiewa***, inkluż ***billi jiġu żviluppati l-bijoekonomija***, l-agroturiżmu***,*** l-artiġjanat rurali ***u attivitajiet komplementari oħra li juru valur miżjud; jenfasizza, b'mod partikolari, il-potenzjal strateġiku tal-agrikoltura għall-iżvilupp tal-bijoekonomija u l-produzzjoni tal-bijoenerġija, inkluż l-użu ta' skart agrikolu, prodotti sekondarji u bijomassa*** sabiex jinħolqu opportunitajiet ***ġodda*** ta' ***negozju, sorsi ta'*** introjtu addizzjonali u ***impjiegi f'żoni*** rurali; ***huwa tal-fehma li d-***

diversifikazzjoni ekonomika hija essenzjali sabiex l-azjendi agrikoli jsiru aktar vijabbli u aktar reżiljenti għall-volatilità tas-suq u biex tingħata spinta lill-awtonomija strateġika tal-UE;

Or. pt

Emenda 548
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu ***u*** l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali ***u*** tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;	30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu***,*** l-artiġjanat rurali***, il-ktajjen tal-provvista qosra, l-ipproċessar lokali, il-mudelli kooperattivi u ċ-ċentri ta' innovazzjoni rurali*** sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali***,*** tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali ***u jiġi pprevenut it-telf ta' żgħażagħ miż-żoni rurali***;

Or. en

Emenda 549
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Marie Dauchy, Barbara Bonte, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu	30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni ***u l-multifunzjonalità*** tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, ***l-ekonomija ċirkolari u l-enerġiji rinnovabbli,*** l-agroturiżmu***, il-biedja***

addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;

soċjali, il-bejgħ dirett u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;

Or. en

Emenda 550
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;	30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija***, il-pagamenti għal servizzi tal-ekosistema u l-prattiki tas-sekwestru tal-karbonju fl-agrikoltura***, l-agroturiżmu u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;

Or. ro

Emenda 551
Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu ***u*** l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;	30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu***, il-proġetti edukattivi u soċjali bħala parti mis-sħubijiet pubbliċi-privati kif ukoll*** l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;

Or. en

Emenda 552
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;	30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija ***sostenibbli***, l-agroturiżmu ***sostenibbli, is-servizzi soċjali*** u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;

Or. en

Emenda 553
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali;	30. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji rurali, inkluż permezz tal-bijoekonomija, l-agroturiżmu u l-artiġjanat rurali, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali u tissaħħaħ ir-reżiljenza rurali; ***jisħaq li din id-diversifikazzjoni għandha timxi id f'id mal-promozzjoni ta' prattiki tal-biedja li jipproteġu l-bijodiversità lokali u jadattaw għaliha, inklużi approċċi agroekoloġiċi; jitlob, barra minn hekk, li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat introjtu sostenibbli għall-bdiewa u biex jitnaqqas l-esponiment għall-volatilità tas-suq;***

Or. en

Emenda 554
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jenfasizza l-potenzjal tal-bijoekonomija li tiddiversifika l-introjtu tal-azjendi agrikoli u ssaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tal-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 555
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-produzzjoni agrikola lokali u reġjonali fil-kuntratti pubbliċi għall-iskejjel, l-isptarijiet u l-canteens pubbliċi

Or. fr

Emenda 556
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Stefan Köhler, Paulo do Nascimento Cabral, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jappella għall-użu akbar tal-akkwist pubbliku biex jissaħħu s-sistemi tal-ikel lokali u reġjonali billi jittejjeb l-

aċċess għas-swieq pubbliċi għall-azjendi agrikoli fuq skala żgħira u tal-familja, kif ukoll għall-bdiewa żgħażagħ u nisa; jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-ostakli amministrattivi għall-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist;

Or. en

Emenda 557
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Stefan Köhler, Paulo do Nascimento Cabral, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30b. Jisħaq li domanda stabbli u prevedibbli mill-iskejjel, mill-isptarijiet u minn istituzzjonijiet pubbliċi oħra tista' ttejjeb il-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, toħloq opportunitajiet tas-suq, tappoġġja l-impjiegi rurali u tikkontribwixxi għall-kompetittività u l-attraenza tas-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 558
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jisħaq li l-bdiewa żgħażagħ fil-ġzejjer, u s-swieq żgħar jiffaċċjaw sfidi akuti ta' kompetittività minħabba ekonomiji ta' skala limitati, input għoli, u kostijiet tat-trasport, u kompetizzjoni minn importazzjonijiet bi prezzijiet aktar baxxi; jappella għal appoġġ immirat għall-kummerċjalizzazzjoni, il-ħżin, l-

ipproċessar, l-immarkar tal-prodotti lokali, il-ktajjen tal-provvista qosra u l-kundizzjonijiet kuntrattwali ġusti mal-bejjiegħa bl-imnut, sabiex il-bdiewa żgħażagħ jiġu megħjuna jiksbu domanda stabbli u prezzijiet ġusti;

Or. en

Emenda 559
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jisħaq fuq l-importanza ta' impjiegi part-time u tal-pluriattività, speċjalment għal sidien żgħażagħ ta' azjendi agrikoli f'żoni fuq skala żgħira u żvantaġġati; jistieden lill-Istati Membri joħolqu oqfsa legali, soċjali u fiskali li jiffaċilitaw il-kompatibbiltà tal-attività agrikola u d-dħul mhux agrikolu, u b'hekk jiżguraw id-dħul fil-biedja;

Or. de

Emenda 560
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Huwa favur investiment strateġiku fl-infrastruttura tal-irrigazzjoni, l-użu mill-ġdid tal-ilma, il-ħżin, id-diġitalizzazzjoni idrawlika u t-teknoloġiji tal-effiċjenza tal-ilma, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, tittejjeb il-produttività, tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u jiġu

attirati aktar bdiewa żgħażagħ;

Or. es

Emenda 561
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, l-investiment fil-biedja organika u l-prattiki agroekoloġiċi jistgħu joħolqu opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-bdiewa żgħażagħ filwaqt li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali u għall-iżvilupp rurali;

Or. en

Emenda 562
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jisħaq li huwa essenzjali li tittejjeb l-attraenza ġenerali tal-ħajja rurali u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi reġjonali, b'attenzjoni partikolari għad-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli;

Or. en

Emenda 563
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30b. Jappella għal appoġġ immirat għall-valur miżjud reġjonali, il-kummerċjalizzazzjoni diretta mill-bdiewa u l-ktajjen tal-provvista qosra, peress li dawn jiżguraw introjtu ogħla u aktar stabbli għall-azjendi agrikoli żgħar, isaħħu r-rabta bejn il-produtturi u l-konsumaturi u jżommu l-valur miżjud fiż-żoni rurali;

Or. de

Emenda 564
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30b. Jinnota bi tħassib li l-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti sekondarji agrikoli, inkluż is-suf, bħala skart tista' xxekkel il-valorizzazzjoni tagħhom u timponi kostijiet bla bżonn fuq il-bdiewa; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur innovattivi għas-suf u għal prodotti sekondarji agrikoli oħra u tiżgura li l-qafas regolatorju jiffaċilita l-użu tagħhom bħala riżorsi b'bażi bijoloġika siewja;

Or. en

Emenda 565
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30b. Jappella għall-iżvilupp ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni li jenfasizzaw il-valur tal-ħajja rurali u tal-agrikoltura bħala settur strateġiku;

Or. en

Emenda 566
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jenfasizza r-rwol tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-programm LEADER fit-trawwim tal-innovazzjoni ***u d-diversifikazzjoni rurali***; jappella għal finanzjament LEADER akbar u ***delimitat*** fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034;	31. Jenfasizza r-rwol tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-programm LEADER fit-trawwim tal-innovazzjoni***, l-imprenditorija, id-diversifikazzjoni ekonomika u l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali permezz ta' approċċi minn isfel għal fuq li jimmobilizzaw l-atturi lokali u jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull reġjun***; ***jenfasizza l-kontribut tal-programm LEADER biex tingħata spinta lill-koeżjoni territorjali, l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni ċivika u l-attraenza taż-żoni rurali;*** jappella għal finanzjament LEADER akbar***, prevedibbli*** u ***garantit*** fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034***, li għandu jimxi id f'id mat-tkomplija tal-immirar tar-riżorsi tal-programm lejn l-objettivi tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi bil-ħsieb li l-programm jiġi implimentat b'mod aktar effettiv u li jiġi mmassimizzat l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet rurali***;

Or. pt

Emenda 567
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jenfasizza r-rwol tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-programm LEADER fit-trawwim tal-innovazzjoni ***u*** d-diversifikazzjoni rurali; jappella għal finanzjament LEADER akbar u delimitat fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034;	31. Jenfasizza r-rwol tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-programm LEADER fit-trawwim tal-innovazzjoni***, id-diversifikazzjoni, il-kooperazzjoni*** rurali ***u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fiż-żoni rurali***; jappella għal finanzjament LEADER akbar u delimitat fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034 ***u għal aċċess aktar faċli għall-bdiewa żgħażagħ, għall-intraprendituri rurali żgħażagħ u inizjattivi lokali mmexxija miż-żgħażagħ***;

Or. en

Emenda 568
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jenfasizza r-rwol tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-programm LEADER fit-trawwim tal-innovazzjoni u d-diversifikazzjoni rurali; jappella għal finanzjament LEADER akbar u delimitat fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034;	31. Jenfasizza r-rwol tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-programm LEADER fit-trawwim tal-innovazzjoni u d-diversifikazzjoni rurali; jappella għal finanzjament LEADER akbar u delimitat fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034 ***u għall-implimentazzjoni sħiħa tal-mekkaniżmu ta' "verifika rurali"***; ***;***

Or. en

Emenda 569
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo

do Nascimento Cabral, Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jisħaq li, bħala minimu, il-livell ta' appoġġ allokat għall-programm LEADER għandu jinżamm f'valur komparabbli ma' dak disponibbli fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

Or. en

Emenda 570
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jenfasizza li l-approċċ LEADER kellu rwol ewlieni biex attira tipi ġodda ta' professjonisti lejn iż-żoni rurali u s-settur agrikolu billi pprovda finanzjament għal inizjattivi tal-komunità lokali, li għen biex titrawwem l-imprenditorija u jiġu diversifikati l-attivitajiet ekonomiċi; iqis li huwa kruċjali, għalhekk, li jissaħħaħ il-programm LEADER sabiex jiġi appoġġjat it-tiġdid ġenerazzjonali u jitwaqqaf it-tnaqqis tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali;

Or. pt

Emenda 571
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jissottolinja li t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu huwa fattur strateġiku mhux biss fl-iżgurar tal-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel, iżda wkoll fl-appoġġ tal-vitalità soċjoekonomika taż-żoni rurali, fil-ġlieda kontra d-depopolazzjoni u fil-preservazzjoni tal-pajsaġġi rurali, il-bijodiversità u r-riżorsi naturali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol ċentrali tal-bdiewa bħala gwardjani tal-art u atturi prinċipali fil-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi;

Or. it

Emenda 572
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jappella għal appoġġ għall-iżvilupp tal-attivitajiet kulturali, sportivi u rikreattivi f'żoni rurali, kif ukoll għal ċentri komunitarji b'ħafna użi, bħala fatturi essenzjali biex il-bdiewa u l-familji tagħhom jibqgħu fiż-żona fit-tul, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp personali, soċjali u edukattiv tal-komunitajiet rurali;

Or. ro

Emenda 573
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jisħaq fuq ir-rwol strateġiku tal-kooperattivi u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fit-tnaqqis tal-ostakli għad-dħul għall-bdiewa żgħażagħ, inklużi ż-żgħażagħ li jidħlu f'attività agrikola mingħajr azjenda agrikola tal-familja preeżistenti, u fit-titjib tal-aċċess għas-swieq, is-servizzi tekniċi, il-faċilitajiet tal-ipproċessar, il-finanzjament u s-saħħa ta' negozjar;

Or. en

Emenda 574
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jappella għal Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ Rurali li tiżgura l-aċċess għat-taħriġ, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni u s-servizzi essenzjali għaż-żgħażagħ li jixtiequ jibqgħu fiż-żoni rurali jew jirritornaw lejhom;

Or. en

Emenda 575
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. It-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura għandu jiġi promoss billi jiġu appoġġjati l-ktajjen tal-provvista tal-ikel lokali u permezz tal-ħolqien ta' konsorzji

fost il-bdiewa, l-operaturi tal-ħżin u l-proċessuri;

Or. ro

Emenda 576
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31b. Jappella għal appoġġ akbar għall-promozzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agroalimentari tal-UE fis-swieq domestiċi u internazzjonali sabiex jissaħħu l-viżibbiltà, il-kompetittività u l-valur miżjud tagħhom; jenfasizza li politiki ta' promozzjoni effettivi jistgħu joħolqu opportunitajiet ġodda tas-suq, jappoġġjaw l-impjiegi rurali u l-attività ekonomika, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, u jtejbu l-profittabbiltà u l-attraenza fit-tul tal-biedja;

Or. en